MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 1069/2006

**Salv. Bezzina & Sons Limited**

**(C 350), Salvu Meli & Sons**

**Limited (C 7498) u Joseph Paris**

**(Karta ta’Identita Numru:**

**106646 (M) ilkoll promoturi**

**Tas-socjeta fi process ta’**

**Formazzjoni bl-isem la Valletta**

**Terminal Co. Malta Ltd**

**VS**

**L-Awtorita Marittima ta’ Malta,**

**Direttur Generali fil-Ministeru**

**Ghall-Kompetittivita' u l-**

**Komunikazzjoni u l-Avukat Generali**

**Tar-Repubblika**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors tar-rikorrenti fid-3 ta' Novembru 2006, li jaqra hekk:

*"Illi s-socjetajiet attrici rikorrenti u r-rikorrent Joseph Paris ppartecipaw permezz ta' konsorzju ffurmat bejniethom, f'sejha ghall-proposti ghall-koncessjoni tal-immaniggjar tal-merkanzija fil-Port il-Kbir, sejha li kienet saret mill-konvenuti intimati l-Awtorita Marittima ta'Malta u l-Ministeru ghall-Kompettivita u l-Komunikazzjoni. Kopja tas-sejha ghall-proposti qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A.*

*Illi l-konsorzju ffurmat mis-socjetajiet rikorrenti u mir-rikorrent Joseph Paris kien maghruf bhala La Valetta Terminal Co. Ltd billi dan kien l-isem maghzul mill-istess partecipanti fil-konsorzju u allura r-rikorrenti f'dan ir-rikors ghas-socjeta li kienet sejra tigi kostitwita u registrata f'kaz li l-proposta sottomessa minnhom tigi accettata u l-koncessjoni fuq imsemmija tinghata lil din is-socjeta.*

*Illi l-konsorzju maghmul mir-rikorrenti kien gie short-listed flimkien ma' konsorzju iehor bil-konsegwenza li maz-zewg konsorzja gew mizmuma negozjati minn hekk imsejjah*

*Negotiating Team maghzul mill-Gvern u li kellu wara dawn in-negozjati jressaq ghand il-Gvern ir-rakkomandazzjoni finali tieghu dwar l-ghazla minn bejn iz-zewg konsorzja.*

*Illi fid-29 ta'Mejju, 2006 il-Kabinet tal-Ministri iddiskuta r-rakkomandazzjoni tan-Negotiating Team kwantu ghall-ghazla tal-proposta sottomessa mill-konsorzja li kienu gew short-listed u ddecieda flimkien mal-Awtorita marittimia ta'malta u l-Ministru ghall-Kompetittivita u l-Komunikazzjoni li jassenja l-koncessjoni tal-immanigjar tal-merkanzija fil-Port il-Kbir lill-konsorzju kompost minn Portek Group (Singapore) u TF Shipping Agencies Limited.*

*Illi d-decizzjoni tal-Kabinet tal-Ministri tal-Awtorita Marittima ta'Malta u tal-Ministeru ghall-Kompettivita u l-Komunikazzjoni giet kkomunikata minn Negotiating Team lill-konsulent legali tal-konsorzju ffurmat mir-rikorrenti atturi permezz ta'ittra datata 29 ta'Mejju, 2006 liema ittra kellha mehmuza maghha kopja tal-Istqarrija ghall-Istampa mahruga mill-Gvern jinsabu hawn ezebiti u mmarkati bhala Dokument B.*

*Illi ftit anqas minn hmistax il-gurnata wara id-decizzjoni tad-29 ta'Mejju, 2006 gie iffirmat il-ftehim ghall-ghoti tal-koncessjoni mas-socjeta imwaqqfa mill-konsorzju li kien gie maghzul u kkonfermat mill-Kabinet tal-Ministri, mill-Awtorita Marittima ta'Malta u mill-Ministeru ghall-Kompettivita u l-Komunikazzjoni bhala dak li kellu jinghata l-koncessjoni tal-imaniggjar tal-merkanzija fil-Port il-Kbir.*

*Illi ftit jiem wara l-iffirmar ta' dan il-Ftehim u ezattament fit-12 ta'Gunju, 2006 il-konsulent legal ital-konsorzju ffurmat mir-rikorrenti attur kited lic-Chairman tal-Awtorita Marittima ta'Malta li kien ukoll ic-Chairman ta- Negotiating Team sabiex jitolbu kopja tal-ftehim li kien gie iffirmat ftit granet qabel mas-socjeta iffurmata mill-konsorzju maghzul. Kopja tal-komunikazzjoni tinsab hawn ezebita u mmarkata bhala Dokument C.*

*Illi wara skambju ta' korrispondenza bejn il-konsulent legali tan- Negotiating Team , li huwa ukoll il-konsulent legali tal-Awtorita Marittima ta'Malta u l-konsulenti legali tar-rikorrenti atturi, gie kkomunikat li dan ta' l-ahhar li t-talba tal-protestanti li jinghataw kopja tal-ftehim ma gietx milqugha mill-istess Negotiating Team .*

*Illi wara skambju ulterjuri ta' korispondenza bejn il-konsulent legali tan- Negotiating Team u l-konsulent legali tar-rikorrenti atturi, permezz ta'ittra datata 23 ta'Gunju, 2006 il-konsulent legali tan- Negotiating Team fost affarijiet ohra stqarr li huwa l-Gvern li seta' jiddeciedi dwar it-talba ghall-ghoti ta'kopja tal;-ftehim u mhux in- Negotiating Team . Kopja ta' l-ittri kollha skambjati f'dan l-iskambju ta'korrispondenza jinsabu hawn ezebiti u mmarkati kollettivament bhala Dokument D.*

*Illi ghalhekk f'dan l-istadju t-talba gja maghmula lic-Chairman tal-Aworita Marittima ta'Malta u tan- Negotiating Team permezz tal-komunikazzjoni tat-12 ta'Gunju, 2006 giet diretta lejn il-Ministru tal-Kompetittivita u l-Komunikazzjoni, li izda ghazel li ma jwegibx ghal din il-komunikazzjonijiet mibghuta lilu u ghal diversi komunikazzjonijiet ohra bl-istess talba, li segwew. Kopja ta'dawn il-komunikazzjonijiet jinsabu hawn ezebiti u mmarkati kolletivament bhala Dokument E.*

*Illi f'dan lis-stadju u fic-cirkostanzi t-talba ghall-kopja tal-ftehim giet diretta permezz ta'komunikazzjoni bil-miktub lejn il-Prim Ministru li wiegeb permezz tal-Kap tas-Segretarjat tal-Prim Ministru.*

*Illi wara skambju ta'korrispondenza bejn il-konsulent legali tar-rikorrenti atturi u l-kap tas-Segretarjat tal-Prim Ministru t-talba sabiex ir-rikorrenti atturi jinghataw kopja tal-ftehim giet kategorikament u definittivament michuda. Kopja tal- komunikazzjonijiet*

*skambjati f'dan l-iskambju ta'korrispondenza jinsabu hawn ezebiti u mmarkati kollettivament bhala Dokument F.*

*Illi l-insistenza tar-rikorrenti atturi li mjinghataw kopja tal-ftehim kienet motivata mill-fatt li mid-diversi stqarrijiet mahruga mill-Gvern, mill-Awtorita Marittima ta'Malta u mill-Miisteru ghall-Kompetittivita u l-Komunikazzjoni u minn dikjarazzjonijiet pubblici maghmula mill-Ministeru ghall-Kompetittivita u l-Komunikazzjoni u mic-Chairman tal-Awtorita Marittima ta'Malta kien jirrizulta li l-proposta tar-rikorrenti atturi kienet aktar favorevoli ghal u kompleta minn, dik sottomessa u pprezentata mill-konzorzju l-iehor u li eventwalment gie maghzul u accetta mill-Gvern, mill-Awtorita Marittima ta'Malta u mill-Ministeru ghall-Kompetittivita u l-Komunikazzjoni. Inoltre l-htiega tat-trasparenza fl-ghoti ta'koncessjonijiet pubblici tiggustifika li ssir talba sabiex il-partecipazzjoni fis-sejha ghall-ghoti ta'dik il-koncessjoni pubblika jinghataw u jkollhom sodisfazzjoni u informazzjoni kemm dwar ir-ragunijiet li ddeterminaw dik l-gahzla u dwar jekk fl-ghazla gewx segwiti fedelment t-termini u r-rekwiziti kollha tas-sejha ghall-proposti. Tali informazzjoni saret aktar u aktar importanti u vitali aktar ma bdiet tohrog informazzjoni specjalment dwar it-tariffi tal-port li kienu gew proposti mill-konsorzju maghzul u accettati mill-gvern fejn allura beda jirrizulta li l-proposta tal-konsorzju maghzul u accettat mill-Gvern kienet inkompleta billi ma kienetx tissoddisfa r-rekwiziti kollha kontenuti u rikjesti fis-sejha ghall-proposti.*

*Illi l-eghmil tal-konvenuti intimati li konsistentement jew injoraw jew irrifjutaw u ghadhom jirrifjutaw li jipprovdu kopja tal-ftehim iffirmat bejn is-socjeta ffurmata bejn il-partezipanti tal-konsorzju maghzul u accettat mill-Gvern u l-Awtorita Marittima ta'Malta u konsegwentament b'dan l-eghmil mhux qeghdin jippermettu lir-rikorrenti atturi li jkollhom soddisfazzjoni u informazzjoni dwar ir-ragunijiet li ddetrminaw l-ghazla tal-Gvern u dwar jekk fl-ghazla gewx segwiti t-termini tas-sejha ghall-proposti, huma eghmil maghmul b'abbuz tas-setghat tal-konvenuti intimati u kontra l-ligi billi b'dan l-eghmil qeghdin jigu injorati u/jew miksura l-htigijiet u l-obbligi ta' trasparenza, ta' 'l*

*hekk imsejjah principju ta' equality of treatment ossija tal-ghazla oggettiva tal-propsta li tinvolvi ghoti ta' koncessjoni pubblika.*

*Illi ghandu jirrizulta fil-kors tas-smiegh tal-kawza li l-proposta tal-konsorzju maghzul ma tissoddisfax r-rekwiziti kollha kontenuti u rikjesti fis-sejha ghall-proposti u ghalhekk meta din il-proposta giet maghzula u accettata dan sab b'abbuz tas-setghat tal-intimati konvenuti u bi ksur tal-htigijiet u obbligi tal- equality of treatment taht il-ligijiet tal-pajjiz u taht il-ligijiet tal-Unjoni Ewropea.*

*Illi l-eghmejjel fuq l-imsemmija kwantu li jikkostitwxxu abbuz tas-setghat tal-konvenuti intimati u kwantu li jmorru kontra kemm ligijiet tal-pajjiz u kemm kontra l-ligijiet tal-Unjoni Ewropea ghad li huma eghmejjel li ma jippermettix li jsir ezami oggettiv, regolari u trasparenti tal-ghazla tal-proposta u saru bi hsur tal-htigijiet u obbligi legali tal-konvenuti initmati, jirrendi kemm l-eghmil amministrattiv li bih giet rifjutata t-talba ghall-ghoti ta' kopja tal-ftehim u kemm l-eghmil li bih saret l-ghazla tal-proposta maghmula mill-konsorzju l-iehor bhala eghmil null, invalidu jew minghajr effett.*

*Illi permezz ta'protest gudizzjarju pprezentat mir-rikorrenti atturi nhar il-gimgha 17 ta'Novembru, 2006 l-konvenuti intimati barra li gew interpellati sabiex ma jkomplux bl-atti ta'abbuz tas-setghat taghhom u atti kontra l-ligi u jaraw li drittijiet kollha tar-rikorrenti atturi jkunu mharsa u rispettati skond il-ligijiet tal-pajjiz u skond il-ligijiet tal-Unjoni Ewropea gew ukoll mizmuma responsabbli ghad-danni, spejjez u interessi li l-istess rikorrenti atturi ga sofrew u li jistghu ssofru in konsegwenza tal-imsemmija atti ta' abbuz tas-setghat u ati kontra l-ligi da parti tal-konvenuti intimati u/jew tal-ksur mill-konvenuti intimati tal-obbligi legali taghhom kemm taht il-ligijiet tal-pajjiz u kemm taht il-ligijiet tal-Unjoni Ewropea.*

*Illi nonostante dak mitlub fl-imsemmi protest gudizzjarju l-konvenuti intimati baqghu inadempjenti.*

*Ghaldaqstant is-socjetajiet attrici rikorrenti u l-attur rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghogobha:-*

1. *tiddikjara li ghar ragunijiet fuq premessi l-eghmil amministrattivi tal-konvenuti intimati konsistenti fir-rifjut ta'l-ghoti ta'kopja tal-ftehim iffirmat bejn is-socjeta kostitwita mill-konsorzju maghzul u kompost minn Portek Group (Singapore) u TF Shipping Agencies Limited u l-konvenut intimata l-Awtorita Marittima ta'Malta u konsegwentement il-ksur tal-hitigijiet ta'trasparenza huwa eghmil amministrattivi null, invalidu u minghajr effett tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta'organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta'Malta);u*

2. *tiddikjara li ghar-ragunijiet fuq premessi l-eghmil amministrattivi tal-konvenuti intimati konsistenti fl-ghazla effettivament maghmula mill-konvenuti intimati tal-proposta tal-konsorzju kompost minn Portek Group (Singapore) u TF Shipping Agencies Limited u konsegwentament il-ksur ta' 'l hekk imsejjah principju ta' equality of treatment ossija tal-ghazla oggettiva, korretta u skond ir-rekwizti indikati, tal-proposta rebbieha segwitu ghas-sejha ghall-proposti ghal-koncessjoni tal-immaniggjar tal-merkanzija fil-Port il-Kbir, huma eghmil amministrattiv null, invalidu u minghajr effett ghat-tenur ta'dak provdut f'paragrafi (iii) u (iv) ta' subartikolu 1 tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta'Malta)*

*B'riserva ghal kull azzjoni ta'danni spettanti lir-rikorrenti atturi.*

*Bl-ispejjez inkluz dawn tal-Protest Gudizzjarju pprezentat mir-rikorrenti atturi fis-17 ta'Novembru, 2006 kontra l-konvenuti li huma minn issa msejjha ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Generali fil-Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni, tad-29 ta' Dicembru 2006 illi taqra hekk:

*"Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-Dritt stante illi l-esponenti bl-ebda mod ma mexa b'mod abbuziv jew illegali ai termini tal-paragrafi (iii) u (iv) ta' l-Artikolu 469A (1), u ghaldaqstant eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita` Marittima ta' Malta, tad-29 ta' Dicembru 2006 li taqra hekk:

1. ***Illi preliminarjament l-Awtorita` Marittima ta' Malta ghandha personalita` guridika distinta u ghalhekk il-kawza ma kellhiex tinfetah kontra c-<<Chairman ta' l-Awtorita` Marittima>>***

*1.1 Illi l-Artikolu 3(2) ta' l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta Kapitolu 352 tal-Ligijiet ta' Malta) jistabilixxi illi :*

*L-Awtorita [Marittima ta' Malta] tkun korp maghqud li jkollha personalita' guridika distinta u li tkun tista', suggetta biss ghad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, li tharrek jew li tkun imharrka, taghmel kull kuntratt, takkwista, izzomm jew tiddisponi minn kull proprjeta', mobbli jew imobbli, u b'kull titolu jkun li jkun, u li taghmel kull hag' ohra hi x'inhi.*

*1.2 Illi ghalhekk ir-rikors guramentat kellu jkun indirizzat kontra l-Awtorita' Marittima ta' Malta. u mhux kontra c-Chairman ta' l-Awtorita' u ghanha ssir korezzjoni fl-okkju f'dan is-sens.*

2. ***Preliminarjament ukoll, il-gudizzju m'huwiex integru stante l-konsorzju rebbieh tat-tender de quo kellu jkun iccitat ma' l-intimati***

*2.1 Illi f'din il-kawza jidher illi qed jitolbu dikarazzjoni illi (i) r-rifjut ta' l-ghoti ta' kopja tal-ftehim iffirmat bejn l-Awtorita Marittima ta' Malta u l-konsorzju rebbieh u (ii) l-ghazla tal-konsorzju rebbieh huma nulli u minghajr effett.*

*2.2 Illi z-zewg talbiet jincidu direttament l-interessi tal-konsorzju rebbieh, stante li fl-ewwel wahda qed tintalab dikjarazzjoni rigward dokument privat li jinvolvi lill-konsorzju rebbieh u fit-tieni dikjarazzjoni rigward 1-ghotja tal-kuntratt lill - istess konsorzju.*

*2.3 Illi ghalhekk il-konsorzju rebbieh ghandu jkun parti fil-kawza.*

3. ***Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikors guramentat huwa null ghaliex l-atturi ma kinux intitolati jirrikorru ghall-proceduri taht l-Artiklu 469A tal-Kap 12 ghaliex kellhom rimedji ohrajn disponibbli.***

*3.1 Illi l-Artiklu 469A (4) tal-Kap l2 jistipula illi*

*(a) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjonijew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra.*

*3.2 Illi ghalkemm ir-rikorrenti qeghdin jitolbu dikjarazzjoni dwar nullita kemm tad-decizjoni li ma tinghatalhomx kopja tal-kuntratt bejn il-konsorzju u l-Awtorita u kif ukoll tad-decizjoni dwar l-ghazla tal-konsorzju, jidher mill-premessi tar-rikors guramentat li l-ilment ewlieni u wahdieni tar-rikorrenti huwa dwar il-fatt li ma nghatawx kopja tal-kuntratt meta talbuh lill-Awtorita' esponenti.*

*3.3 Illi r-rikorrenti setghu ghalhekk irrikorrew ghall-<< actio ad exhibendum>> ai termini ta' l-Artiklu 637 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u talbu lill-Qorti tordna li l-intimati jezebixxu kopja tal-kuntratt.*

*3.4 Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti mhux talli ma kellhomx ghalfejn jirrikorru ghall-Artiklu 469A. imma talli ma kinux intitolati jaghmlu dan, ai termini ta' l-Artiklu 469A(4).*

4. ***Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma insostenibbli, stante li d-dikjarazzjonijiet li qeghdin jitolbu huma totalment << in vacuo >> u mhux abbinati ma' jew ta' l-anqas pre-ordinati ghal rimedji li jistghu jinghataw.***

   *4.1 Illi r-rikorrenti qeghdin sempliciment jitolbu dikjarazzjoni ta' nullita' ta' zewg decizjonijiet minghajr ma qeghdin jitolbu xi rimedju effettiv.*

   *4.2 Illi inoltre, kif ser jigi ippruvat fil-mori tal-kawla, l-ebda rimedju ma jista' jinghata lir-rikorrenti stante li fi kwalunkwe kaz l-offerta li saret minnhom ma kinitx tilhaq ir-rekwiziti specifikati fir-Request for Proposals.*

   *4.3 Illi minhabba f'hekk jigi sottomess bir-rispett illi r-rikorrenti lanqas f'kaz ta' ezitu favur taghhom ta' dawn il-proceduri ma jkunu jistghu jitolbu rimedju bhal nghidu ahna hlas ta' danni favur taghhom.*

   *4.4 Illi huwa pacifiku illi fis-sistema guridiku Malti, il-Qrati ma jistghux jaghtu semplici dikjarazzjonijiet li jkunu pre-ordinati ghal rimedji li ma jistghux jinghataw. Ghaldaqstant anke ghal din ir-raguni t-talbiet tar-rikorrenti huma insostenibbli.*

5. ***Illi minghajr preludizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-ewwel talba hija infondata fil-fatt u lid-dritt stante illi d-decizjoni ta' l-esponenti konsistenti fir-rifiut ta' l-ghoti tal-kopja tal-ftehim iffirmat bejn il-konsorzju u l-Awtoriti Marittima kienet legali, legittima u ragjionevoli u ghalhekk ma tinkwadrax taht dak provdut f'paragrafi (iii) u (iv) ta' l-Artiklu 469A(1).***

*5.1 lli l-Awtorita' esponenti kienet intitolata li tirrifiuta illi tirrilaxxa kopja tal-ftehim imsemmi, u dan ghar-ragunijiet segwenti:*

*-Il-ftehim huwa wiehed privat bejn zewg partijiet u ghalhekk ma jistax jigi rilaxxjat lil terzi persuni hlief bil-kunsens taz-zewg partijiet jew jekk hekk titlob il-ligi, li mhuwiex il-kaz. Il-kunfidenzjalita ta' tali dokumenti kienet enfasizzata anke fir-Request for Proposals ippubblikat mas-sejha ghall-offerti.*

*-Fil-korrispondenza skambjata bejn ir-rikorrenti u n-Negotiating Team wara l-iffirmar tal-kuntratt, ir-rikorrenti qatt ma ggustifikaw it-talba taghhom biex jintwerew kopja tal-kuntratt imsemmi.*

*-Il-kuntratt sar wara l-ghazla tal-konsorzju rebbieh tat-tender u ghalhekk mhuwiex car ghalfejn ir-rikorrenti qed jippretendu illi kopja tal-kuntratt ser taghtihom << soddisfazzjon dwar ir-ragunijiet li iddeterminaw l-ghazla tal-Gvern >>.*

*-Il-procedura ta' l-ghazla tat-tender kienet wahda trasparenti u ghalhekk ma hemmx lok li r-rikorrenti jinghataw kopja ta' kuntratt iffirmat **wara** l-ghazla tal-konsorzju rebbieh. Ir-Request for Proposals jispjega f'dettall il-procedura wzata min-Negotiating Team u x'kienu l-kriterji ta' l-aggudikazzjoni.*

5. ***Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni talba tar-rikorrenti hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt.***

*5.1 Illi l-ghazla tal-konsorzju rebbieh saret wara deliberazzjoni minn Negotiating Team illi mexa fid-decizjonijiet tieghu b'mod trasparenti u non-diskriminatorju.*

*5.2 Illi l-istess premessi tar-rikorrenti huma xhieda ta' dan, stante li r-rikors guramentat ma jaghti ebda hjiel tar-ragunijiet li ghalihom r-rikorrenti qed iqisu l-ghotja tat-tender illegali hlief li, dejjem skond ir-rikorrenti, kellhom jinghataw kopja tal-kuntratt li sussegwentement gie iffirmat.*

*5.3 Illi b'dispjacir u b'kull rispett jidher illi dan huwa kaz fejn, konsorzju li ma giex maghzul qieghed jipprova jfixkel l-ghotja tat- tender permezz ta' rikors guramentat mibni fuq allegazzjonijiet infondati.*

*5.4 Illi ghalhekk huwa essenzjali illi ir-rikorrenti igibu prova rigoruza ta' l-allegazzjoni serja taghhom illi l-intimati abbuzaw mill-poteri taghhom.*

***6. Salvi eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu mill-intimata skond il-ligi.***

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-intimat Avukat Generali tar-Repubblika qatt ma pprezenta Risposta Guramentata f'dawn l-atti;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta datata 8 ta' Marzu 2007 illi bih giet nominata il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo (a fol.157);

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo prezentata fis-10 t'Ottubru 2012 u mahlufa fil-5 t'April 2013;

Rat id-digriet tal-11 ta' Lulju 2007 illi bih il-Qorti kif diversament preseduta laqghet t-talba ghal produzzjoni tad-dokumenti mitluba fir-rikors tal-atturi datat14 ta' Gunju 2007 taht il-provvedeimenti mahsuba;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita' intimata tas-16 ta' Settembru 2011 (a fol.333);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi tas-19 t'Ottubru 2011 (a fol. 291);

Rat ir-replika tal- Awtorita' intimata ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur tal-24 ta' Ottubru 2011;

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi tal-atturi u precizament mill-affidavit ta' l-atturi Anthony Bezzina (Direttur tas-socjeta` Salv Bezzina & Sons Limited) u Carmelo Meli (Direttur ta' Salvu Meli & Sons Limited) vide fol 147 u 150 rispettivament jirrizulta illi l-atturi ppartecipaw permezz ta' konsorzju ffurmat bejniethom, f'sejha ghall-proposti ghall-koncessjoni ta' l-immaniggjar tal-

merkanzija fil-Port il-Kbir. Din is-sejha kienet saret mill-Awtorita` Marittima ta' Malta u l-Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni.

Il-konsorzju ta' l-atturi kien maghruf bhala "La Valletta Terminal Company Malta Limited", b'liema isem kienet sejra tigi kostitiwita u registrata s-socjeta` f'kaz li l-proposta sottomessa mill-konsorzju ta' l-atturi tigi accettata u l-koncessjoni tinghata lill-istess socjeta`.

Il-konsorzju ta' l-atturi kien gie *shortlisted* flimkien ma' konsorzju iehor. Ma' dawn iz-zewg konsorzja gew mizmuma negozjati minn *Negotiating Team* maghzul mill-Gvern, liema *Negotiating Team* kellu, wara dawn in-negozjati, jressaq ghand il-Gvern ir-rakkomandazzjoni finali tieghu dwar l-ghazla bejn iz-zewg konsorzja.

Wara li l-Gvern iddiskuta r-rakkomandazzjoni tan-*Negotiating Team*, l-ghazla tal-proposta mill-konsorzja li kienu gew *shortlisted* giet ikkomunikata lill-konsulent legali tal-konsorzju illi kienu jaghmlu parti minnu l-atturi. Effettivament il-Gvern, flimkien ma' l-Awtorita` Marittima ta' Malta u l-Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni, iddecieda li jassenja l-koncessjoni ta' l-immaniggjar tal-merkanzija fil-Port il-Kbir lill-konsorzju kompost minn *Portek Group (Singapore)* u *TF Shipping Agencies Limited*.

Ftit anqas minn hmistax-il gurnata wara li giet ikkomunikata din id-decizjoni, gie ffirmat il-ftehim ghall-ghoti tal-koncessjoni ta' l-immaniggjar tal-merkanzija fil-Port il-Kbir mas-socjeta` mwaqqfa mill-konsorzju li kien gie maghzul u kkonfermat.

Ftit jiem wara l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, il-konsulent legali tal-konsorzju ta' l-atturi kiteb lic-*Chairman* ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta (li kien ukoll ic-*Chairman* tan-*Negotiating Team*) sabiex jitolbu kopja ta' l-istess Ftehim iffirmat. L- atturi riedu b'hekk jiddeterminaw it-termini illi a bazi taghhom kienet giet accettata l-proposta tal-konsorzju maghzul, u

jqabblu dawn it-termini ma’ dawk proposti mill-konsorzju ffurmat mill-atturi. Madanakollu, wara skambju ta’ korrispondenza bejn il-konsulenti legali tal-konsorzju ta’ l-atturi u l-konsulent legali tan-*Negotiating Team*, gie kkomunikat lil Dottor Pio Valletta illi din it-talba ma kienitx giet milqugha min-*Negotiating Team*.

Wara skambju ulterjuri ta’ korrispondenza bejn l-istess konsulenti legali, irrizulta mill-ittra datata 23 ta’ Gunju 2006 minghand il-konsulent legali tan-*Negotiating Team*, illi effettivament kien il-Gvern illi seta’ jiddeciedi dwar it-talba ghall-ghoti ta’ kopja tal-Ftehim u mhux in-*Negotiating Team* innifsu. F’dan l-istadju, it-talba ta’ l-atturi giet diretta lejn il-Ministru tal-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni. Madanakollu, dan ghazel illi ma jwegibx ghall-komunikazzjonijiet mibghuta lilu. Ghaldaqstant it-talba ghall-kopja tal-Ftehim giet diretta permezz ta’ komunikazzjoni bil-miktub lejn il-Prim Ministru, illi wiegeb permezz tal-Kap tas-Segretarjat tieghu. Wara skambju ta’ korrispondenza bejn il-konsulent legali tal-konsorzju u l-Kap tas-Segretarjat tal-Prim Ministru, it-talba ta’ l-atturi giet kategorikament michuda.

Ir-raguni ghaliex il-konsorzju ta’ l-atturi kien baqa’ jinsisti illi jinghata kopja tal-Ftehim kienet illi kien jirrizulta minn diversi stqarrijiet mahruga mill-Gvern, mill-Awtorita` Marittima ta’ Malta u mill-Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni u minn dikjarazzjonijiet pubblici maghmula mill-Ministru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni u mic-*Chairman* ta’ l-Awtorita` Marittima ta’ Malta illi effettivament, il-proposta maghmula mill-konsorzju ta’ l-atturi kienet aktar favorevoli u aktar kompleta minn dik sottomessa mill-konsorzju illi eventwalment gie maghzul.

L-atturi hassew illi ghandhom jinghataw sodisfazzjon u informazzjoni dwar ir-ragunijiet li ddeterminaw l-ghazla tal-Gvern u dwar jekk fl-ghazla gewx segwiti fedelment it-termini u r-rekwiziti kollha tas-sejha ghall-proposti ghaliex hassew illi din it-talba kienet gustifikata mill-htiega tat-trasparenza f’din l-ghazla. L-informazzjoni rikjesta kienet importanti biex jigi determinat jekk kienitx intaghzlet l-aktar proposta vantaggjuza specjalment fir-rigward tat-

tariffi tal-port illi kienu gew proposti mill-konsorzju maghzul. Dan ghaliex mill-ftit informazzjoni illi kellhom access ghaliha l-atturi, beda jirrizulta illi l-proposta maghmula mill-konsorzju maghzul ma kienitx tissodisfa r-rekwiziti kollha kontenuti u rikjesti fis-sejha ghall-proposti.

Skond l-atturi, il-fatt illi l-konvenuti baqghu jirrifjutaw illi jipprovdu kopja tal-Ftehim iffirmat, kien imur kontra l-Ligi billi kienu qieghdin jinkisru l-obbligi ta' trasparenza u tal-principju ta' l-*equality of treatment* u ghalhekk l-ghemil tal-konvenuti kien maghmul b'abbuz tas-setghat taghhom. Dan aktar u aktar meta l-proposta tal-konsorzju maghzul, dejjem skond l-atturi, ma tissoddisfax ir-rekwiziti kollha kontenuti u rikjesti fis-sejha ghall-proposti.

Qabel ma giet ipprezentata din il-kawza, kien gie pprezentat protest gudizzjarju mill-konsorzju ta' l-atturi nhar is-17 ta' Novembru 2006 izda peress illi l-konvenuti kienu baqghu inadempjenti ghal dak mitlub fl-istess protest, l-atturi kienu kostretti illi jipprocedu b'dina l-kawza.

L-attur Anthony Bezzina kompla jixhed in kontro-ezami a fol. 493 et seq, illi r-rati illi ntalbu fir-*Request for Proposals* esebit in atti u mmarkat bhala Dok. A, ma kienux kompluti fil-proposta tal-konsorzju maghzul. Min-naha l-ohra, il-konsorzju illi kien jaghmel parti minnu x-xhud issottometta l-proposta tieghu skond ir-*Request for Proposals*.

Ix-xhud ikkonferma illi f'Dok. A, *Section 6* kien specifikat illi l-offerti ta' kull *bidder* kellhom jigu meqjusa bhala kunfidenzjali, li kien iffirma l-*Confidentiality Agreement* (esebit u mmarkat bhala Dok. CONF1) u kien marbut bih.

Mistoqsi minn fejn jirrizulta mill-*Confidentiality Agreement* jew mir-*Request for Proposals* illi l-konsorzju illi huwa jaghmel parti minnu kellu dritt jitlob informazzjoni fuq dettalli ta' offerenti ohra, ix-xhud wiegeb illi ma kienx jaf u li din kienet domanda ta' natura legali.

B'referenza ghal Dok. D (*fol*. 79 tal-Process), l-attur Bezzina kkonferma illi huwa kien il-*lead partner* kif indikat f'dan id-dokument.

Ix-xhud ikkonferma illi huwa jaqbel ma' dak illi ddikjara l-konsulent legali f'punt (b) fl-ittra datata 23 ta' Gunju 2006 (*fol*. 67) illi effettivament qatt ma kien gie allegat illi n-*Negotiating Team* ma trattax lill-konsorzji ugwalment u li ma kienx trasparenti bizzejjed f'xoghlu. Qal illi huwa ma kienx jaqbel biss mad-decizjoni finali.

L-attur Bezzina spjega wkoll illi huwa ma qabilx mad-decizjoni finali tan-*Negotiating Team* mhux biss minhabba illi r-rohs offrut mill-konsorzju illi kien jaghmel parti minnu hu kien ahjar ghall-konsumatur, izda wkoll minhabba kundizzjonijiet ohra.

Ghalkemm meta l-konsorzju gie *short-listed* irrizulta illi l-*audited accounts* tal-kumpanija Salv. Bezzina & Sons Limited ma kienux *up-to-date* sas-sena 2005, l-attur Bezzina insista dwar il-fatt illi kien hemm certifikat illi l-kumpanija hija *financially sound* kif ukoll certifikat mill-bank. Dan peress illi l-*audited accounts* ikunu lesti dejjem xi sentejn wara.

B'referenza ghal *sections* 4 u 5 ta' Dok. A**,** Anthony Bezzina ikkonferma illi l-proceduri kollha gew segwiti f'dak illi kien jirrigwarda l-process ta' l-ghazla. Bezzina xhed illi ma kien se jkollu l-ebda oggezzjoni li kieku ntalab kopja ta' l-offerta illi hu kien ghamel, dment illi jkun inghalaq il-process kollu.

Bezzina xhed illi kellu okkazjoni jiltaqa’ mal-Prim Ministru u staqsieh ghaliex ma kienx gie maghzul il-konsorzju illi kien jifforma parti minnu hu, u li l-Prim Ministru wiegbu illi l-konsorzju ma kienx ta garanzija illi ser izomm lin-nies.

Bezzina spjega illi huwa kellu *invoices* ta’ wara illi kien gie ffirmat il-Ftehim, illi kienu juru illi r-rati kienu oghla minn dawk sottomessi mill-konsorzju ffurmat mill-atturi.

Mix-xhieda ta’ Joseph Paris, vide fol 475 et seq, jirrizulta illi matul iz-zmien illi kien qieghed isir it-*tender*, Paris kien jokkupa l-kariga ta’ *Operations Superintendent* mal-*Cargo Handling*, illi kienet il-kuntrattur ta’ l-Awtorita` Marittima illi timmaniggja l-hatt u t-taghbija tal-merkanzija fil-portijiet, però mhux ix-xoghol illi jsir abbord. Joseph Paris kien inkarigat min-nies u mill-makkinarju involuti f’dan il-process, u kien ukoll izomm ruhu aggornat f’dak illi kien jirrigwarda r-regolamenti tat-tariffi, illi kienu johorgu mill-Awtorita` Marittima.

Meta gie biex isir it-*tender*, Paris flimkien ma’ konsulenti ohra, poggew suggerimenti dwar dik illi kellha tkun it-tariffa ghax-xoghol kollu illi kellu jsir abbord u fuq l-art – tariffa wahda kif mitlub mill-Awtorita` Marittima. It-tariffa kellha tkopri l-ispejjez involuti minn meta x-xoghol ihalli l-istiva jew il-garaxx tal-vapur sa meta jkun *cleared* u wasal biex johrog mill-*gate*.

Gie mitlub illi ssir tariffa wahda peress illi x-xoghol issa kien ser imur ghand operatur wiehed u ma jibqax maqsum bejn xoghol abbord (illi kien immaniggjat mill-agent tal-vapur) u x-xoghol ta’ l-art (dak iz-zmien immaniggjat mill-*Cargo Handling*).

Joseph paris stqarr illi peress illi l-konsorzju li kien fih hu ried ikun preciz kemm jista’ jkun ma’ dak illi talbet l-Awtorita` Marittima, l-istess konsorzju iccara diversi drabi, specjalment fl-ahhar laqgha ma’ l-*Adjudicating Board* ta’ l-Awtorita` Marittima, illi ma kienx hemm

spejjez mohbija oltre dawk illi kienu gew imsemmija mill-konsorzju fit-tender, u li r-rata kkwotata kienet tkopri kollox, inkluz is-sahra.

Ir-rikjesta specifika maghmula mill-Awtorita` Marittima hija kif jidher f'pagna 28 ta' Dok. A anness mar-Rikors Guramentat, liema paragrafu kien jiddetta kjarament illi t-tariffi proposti ma kellhomx jeccedu t-tariffi illi kienu diga` japplikaw fi zmien it-tender.

Saret referenza ghal *fol*. 37 tad-dokument intitolat *Response to Request for Proposals for the Cargo Handling Services Concession in the Port of Valletta – submitted by consortium composed of Portek Group and Tumas Group*. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Perit Legali bhala Dok. PG1. Fil-fehma ta' Paris, dak illi f'dik il-pagna issejjah *Regulated Tariff*, kienu t-tariffi illi dak iz-zmien kienu koperti taht il-*Ports Rates Regulations*.

Skond l-attur Paris, meta t-tabelli tat-tariffi gew sottomessi min-naha tal-*Valletta Gateway Terminals*, jidher illi hadd ma ccekkja jekk il-figuri msejha *Regulated Tariffs* kienux korretti. Dan intqal ghaliex, dejjem skond ix-xhud, kien hemm rati ohra wkoll regolati taht il-*Ports Rates Regulations* illi kienu konnessi mat-tariffi izda li ma gewx mizjuda fit-tabelli a *fol*. 37 ga` indikati bhala *regulated tariffs*.

Skond ir-Rapport ta' l-*Adjudicating Board* dwar il-konsorzju illi kien jaghmel parti minnu Paris, it-tariffa proposta minn dan il-konsorzju kienet ibbazata fuq dak illi kien jithallas qabel, inkluz il-margini ta' l-agent. Skond Paris, li kieku dan kien minnu, wiehed jikkonkludi illi t-tariffi indikati fit-tabelli a *fol*. 37 kienu skorretti.

L-attur Paris insista illi meta l-*Adjudicating Board* gie biex jiggudika, dan ikkompara *item* ma' *item*, meta l-paragun effettiv, dejjem skond Paris, kellu jkun globali u mhux *item* ma' *item*,

sabiex b'hekk wiehed jasal ghall-konkluzjoni tas-*savings* illi kienu ser isiru ghall-industrija, u dan ghaliex il-volum ta' kull *item* ivarja.

Fit-*tender* bil-miktub illi ressaq il-konsorzju ta' l-atturi, kien gie ddikjarat illi kull tnaqqis illi kellu jsir skond id-diskussjonijiet bejn l-Awtorita` Marittima u l-haddiema tal-port, kellu jitnaqqas 100% mit-tariffa proposta mill-konsorzju. Madanakollu, skond ir-Rapport ta' l-*Adjudicating Board* gie mnizzel illi kienu ser jitnaqqsu biss 50% minnhom. Paris insista illi din il-proposta tat-tnaqqis kienet giet irtirata mill-*Valletta Gateway Terminals*, madanakollu mkien fir-Rapport ma kien gie indikat illi kien hemm xi proposta ohra kompensatorja. Dan minkejja illi l-*Valletta Gateway Terminals* kienet ikkumpensat din il-proposta b'tariffi ohra, bhal per ezempju *stacking charge ta'* disgha liri Maltin u hamsin centezmi (Lm 9.50) fil-kaz ta' *container* ta' l-20 pied u dik ta'tlettax –il liri Maltin (Lm 13.00) fil-kaz ta' *container* ta' l-40 pied – meta *container* ikun gie minn barra u jkun ser jigi stakkjat fil-port. Meta *container* ikun gie skarigat vojt mill-vapur, hareg mill-port vojt u rega' dahal lura l-port biex jigi mghobbi, ikun hemm *release charge* ta' tmien liri Maltin (Lm 8) ohra. Kumpens iehor kien dak illi jirrigwarda *berthing fees* fejn ghalkemm il-*call for tenders* kienet tindika illi dawn il-*fees* kienu kollha ghall-Awtorita` Marittima, *Portek Group* jiccargja *berthing fees* filwaqt illi *Valletta Gateway Terminals* qatt ma semmiet dawn it-tariffi fit-tender taghha.

Kien gie wkoll suggerit mill-konsorzju ffurmat mill-atturi illi ghall-ewwel 3 snin, ihallas 2% tat-*turnover* bhala *throughput fee* (minimu ta' sittin elf liri Maltin (Lm 60,000) fis-sena), u mbaghad jibda jhallas 2.5% (minimu ta' disghin elf liri Maltin (Lm 90,000) fis-sena).

Merkanzija li mhix *unitised* tissejjah *conventional cargo*. Fil-*Ports Rates Regulations,* din it-tip ta' merkanzija kienet maqsuma f'ghaxar *items* u ghalhekk il-konsorzju illi kien jifforma parti minnu Paris, issottometta tariffa ghal kull *item* u gie ddikjarat illi l-i*storage rent* illi kienet ezistenti skond ir-regolamenti ma kienitx ser teccedi dak l-ammont. Madanakollu dawn l-*items* ma gewx spjegati fit-tabella illi turi dak illi gie sottomess mill-*Valletta Gateway*

*Terminals* filwaqt illi r-*regulated tariff* ukoll indikata mill-istess konsorzju, lanqas ma kienet taqbel mal-*Ports Rates Regulations*.

L-attur Joseph Paris fl-affidavit tieghu  a fol. 259 et seq xhed illi Tabella 5 a *fol*. 37 ta' Dok. PG1 turi dik illi suppost kellha tkun it-Tariffa wahda proposta mill-*Valletta Gateway Terminals* illi tigbor fiha l-ispejjez kollha mill-istiva tal-vapur sal-hrug mill-port tal-merkanzija. Il-volumi illi gew ikkalkulati fuqhom kienu skond l-istatistika ghas-sena 2005.  Ghalkemm *Valletta Gateway Terminals* offriet illi t-tariffa tinbidel wara illi l-Awtorita` Marittima tispicca d-diskussjonijiet taghha mal-haddiema tal-port, b'mod illi 50% tat-tnaqqis rizultanti fir-*regulated tariff* jitnaqqas mit-tariffa murija, l-*Adjudicating Board* fir-Rapport tieghu qal biss illi l-offerta giet irtirata, minghajr ma spjega x'dahal flokha.  Min-naha l-ohra, *La Vallette Terminals* kienet lesta tnaqqas 100% mit-tnaqqis rizultanti.

It-tnaqqis rizultanti illi minnu kellhom jigu mnaqqsa dawn il-persentaggi, kien ta' hmistax –il liri Maltin u tnejn u sittin centezmi (Lm 15.62) ghall-*containers* ta' 20 pied u tletin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmi (Lm 30.55) ghall-*containers* ta' 40 pied.  Dan kien japplika kemm ghall-importazzjoni kif ukoll ghall-esportazzjoni.  It-tnaqqis rizultanti fil-kaz ta' *trailers* kien ukoll tletin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmi (Lm 30.55).

It-tariffa ta' *La Vallette Terminal*, mahduma fuq il-figuri tas-sena 2005 kienet dik ta' mitejn u hdax –il elf, tmien mija sitta u hamsin Liri Maltin u tlieta u sebghin centezmi (Lm 211,856.73), jigifieri orhos minn ta' *Valletta Gateway Terminals*.

*Valletta Gateway Terminals* giet ivvantaggjata billi l-grupp tat-*tally clerks* illi *La Vallette Terminals* offriet illi timpjega maghha, ittiehdu u bdew jithallsu mill-Awtorita` Marittima, minflok ma gew impjegati mill-*Valletta Gateway Terminals*.  Il-hlas tat-*tally clerks* kien jammonta ghal sitta u disghin liri Maltin (Lm 96,000) u dan kien ifisser vantagg fit-tariffa ta' *Valletta Gateway Terminals* ghal kull *unit* illi jinhadem, peress illi ffrankat dawn l-ispejjez.

Ghalkemm fis-sejha ghat-*tender*, l-operatur maghzul kellu jkun eskluz milli jircievi *berthing fees*, *Valletta Gateway Terminals* inghatat ic-cans illi tigbor *berthing fees* minflok l-Awtorita` Marittima.

Fit-*tender* kien gie mitlub illi tinghata spjegazzjoni ta’ kif kien ser jigi utilizzat l-ispazju fuq il-mollijiet, minhabba n-nuqqas ta’ spazju, izda *Valletta Gateway Terminals* inghatat permess tikri l-ispazju msaqqaf ta’ madwar 6,000 metru kwadru, lil terzi persuni.

Ghalkemm fit-*tender* intalbet tariffa wahda u *Valletta Gateway Terminals* ghamlet l-offerta ghat-taghbija ta’ *containers* vojta, giet imdahhla tariffa ohra bhala *Stacking Fee* (Lm 9.50 fuq *container* ta’ 20 pied, tlettax –il Liri Maltin (Lm 13) fuq *container* ta’ 40 pied u Lm 12.69 fuq kull *trailer* vojt), illi jidhlu fuq il-mollijiet. Din it-tariffa tingabar mill-agenti tal-vapuri bhala *Terminal Operator Cost* imbaghad tigi mghoddja lill-*Valletta Gateway Terminals*. Ghalhekk din is-sistema kienet qieghda tahbi t-tariffa shiha illi effettivament kienet ser tmur ghand il-*Valletta Gateway Terminals.* Apparti minn hekk, il-*containers* illi johorgu mimlija xorta jkunu qieghdin ihallsu t-tariffa kemm bhala vojta, kif ukoll bhala mimlija.

*La Vallette Terminals* ghalhekk issostni illi l-*Adjudicating Board* kien inkorrett u ingust ghaliex dan il-Bord mhux biss injora dettalli mohbija izda naqas ukoll milli jikkonsidra l-volumi mahduma ghal kull tariffa offruta. Paris sostna illi kjarament *La Vallette Terminals* kienet ipproponiet offerta aktar vantaggjuza mill-*Valletta Gateway Terminals*.

Dejjem skond l-attur Paris, *Valletta Gateway Terminals* illum qieghda ticcargja d-doppju ta’ dak illi kienet ipproponiet.

*Valletta Gateway Terminals* naqset milli tipproponi rati ta’ magazinagg.

*La Vallette Terminals* offriet mitt elf liri Maltin (Lm 100,000.00) aktar bhala kontribuzzjoni ghat-tiswijiet illi kellhom isiru fuq il-mollijiet. Barra minn hekk, it-*throughput fee* illi offra l-istess konsorzju mhux biss kienet oghla minn dik ta' *Valletta Gateway Terminals* izda kienet garantita b' sittin elf liri Maltin (Lm 60,000) fis-sena ghall-ewwel tliet snin, u disghin elf liri Maltin (Lm 90,000) fis-snin ta' wara, b'zieda ta' 2.5% kull sena. *La Vallette Terminal* tat ukoll il-garanziji bankarji kollha kif mitlub mill-Awtorita` Marittima.

Kien mistenni illi l-*Adjudication Board* fir-Rapport tieghu jittratta l-*Business Plan*, l-investiment u l-kwalita` tieghu kif ukoll il-*management*, illi l-konsorzju kien intalab illi jressaq quddiem il-Bord.

In kontro-ezami, a fol. 475 et seq, mistoqsi dwar jekk il-konsorzju ta' l-atturi kienx ghamel rapport lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tinvestiga l-kaz, Joseph Paris wiegeb illi sa fejn kien fehem hu, kien intqal illi l-Kummissjoni Ewropea ma ghandha l-ebda gurisdizzjoni fuq dan ir-Rikors.

Mir-rizultat u mid-dokumenti pprovduti aktar tard, ix-xhud ikkonkluda illi l-Awtorita` ma kienitx imxiet b'mod *fair*. Dan ghaliex giet accettata tender ta' haddiehor illi nbidlet wara illi saret l-offerta minkejja illi kien indikat kjarament fl-*expression of interest* u fit-tender, illi ma kellu jsir ebda tibdil wara illi tkun giet sottomessa t-tender.

Joseph Paris spjega illi kull kumpanija fil-konsorzju kellha 33.3% *shareholding* u ghalhekk ma jaqbilx ma' dak illi ddikjara Bezzina illi l-kumpanija tieghu kienet il-*lead participant* fit-tender.

Gie kkonfermat minn Paris illi kien gie ffirmat il-*Confidentiality Agreement* mill-konsorzju. Madanakollu, skond l-attur Paris, dan il-ftehim kien jorbot lill-partecipant sabiex ma

jitkellimx ma' terzi persuni dwar il-process tat-tender u ma kienx qieghed inehhilu d-dritt illi jkun jaf ghaliex ma ntghazilx.

Paris kien tal-fehma illi dak illi gie mitlub mill-konsorzju ma kellux x'jaqsam ma' l-ahhar paragrafu f'pagna 22 f'Dok. A, ghaliex huma riedu jkunu jafu ghal-liema raguni mill-ahhar zewg offerenti kien intaghzel il-konsorzju l-iehor. Gie mitlub illi jigi esebit il-kuntratt ghax l-ebda dokument iehor ma jista' jindika din ir-raguni.

Paris ma kienx jaf sa liema sena kienu jaslu l-*audited financial statements* ta' Salvu Meli & Sons Limited u ta' Salv. Bezzina & Sons Limited u qal illi ma kienx rekwizit illi l-*audited accounts* ikunu *up-to-date*. Mistoqsi sabiex jikkummenta dwar l-Artikolu 1.3 f'Dok. A riferibbilment ghal rekwizit illi l-*bidders* kellhom jipprovdu *audited financial statements* ghall-ahhar tliet snin, Paris wiegeb illi ghall-garanziji mitluba mill-Awtorita` Marittima ma kellhomx jaghmlu differenza jekk il-kontijiet taz-zewg kumpaniji kopartecipanti kienux *audited* jew le, u inoltre qal illi meta gewipprezentati, l-*audited accounts* ma kienux gew irrifjutati.

Paris, bhala prova tal-*financial standing* tieghu, ipprezenta biss ittra ta' referenza minn bank lokali, dwar liema dokument, ix-xhud stess ammetta illi kien hemm hafna mistoqsijiet, specjalment minn Dottor Franco Vassallo, fiz-zmien illi kienet qieghda tigi kkunsidrata l-offerta.

L-attur Paris kompla jixhed illi fir-rigward tal-konsorzju illi nghata l-kuntratt, jirrizulta mid-dokumenti esebiti in atti illi dan ma kienx qieghed japplika tariffa wahda bhalma ried il-Gvern, izda kien hemm tariffi separati mis-*single tariff*.

L-attur Carmelo Meli in kontro-ezami a fol.504 et. seq. xhed illi huwa kien jifforma parti mill-konsorzju *La Vallette Terminal Company Malta Limited (in formation)* permezz tal-kumpanija tieghu Salv. Meli & Sons Limited.

Ma jiftakarx jekk kienx iffirma l-*Confidentiality Agreement* jew le peress illi kienu l-atturi Joseph Paris u Anthony Bezzina illi kienu qieghdin imexxu u hu lanqas biss kien ikun prezenti ghan-negozjati u lanqas ghal-laqghat man-*Negotiating Team*.

Hadd ma kien gibidlu l-attenzjoni illi meta ntefghet l-offerta tal-konsorzju, ma kellux id-dokumenti finanzjarji tal-kumpanija *up-to-date*.

Charles Abela fl-affidavit tieghu a fol 283 et seq, xhed illi huwa kien ilu jokkupa l-kariga ta' *Senior Manager* fid-Direttorat tal-Portijiet u *Yachting* fi hdan l-Awtorita` Marittima ta' Malta sa mill-1 ta' Jannar 2010. Qabel din id-data kien *Deputy Director of Ports* u *Acting Director of Ports* ghal diversi snin. Ikkonferma l-kontenut ta' dak illi ddikjara Dottor Mark Bonello fir-Risposta Guramentata pprezentata mill-Awtorita`.

Wara korrispondenza bejn Dottor Pio Valletta f'isem l-atturi, u Dottor Franco Vassallo f'isem in-*Negotiating Team*, u aktar tard ukoll bejn Dottor Pio Valletta u l-Ufficju tal-Prim Ministru, l-Ufficju tal-Prim Ministru kkonferma d-decizjoni tan-*Negotiating Team* meta ddecieda illi l-Ftehim iffirmat bejn l-Awtorita` u l-konsorzju rebbieh ma setax jigi rilaxxat lil terzi in vista ta' l-obbligi ta' kunfidenzjalita` li bihom kienu marbutin il-partijiet kollha fil-process ta' l-ghoti tal-koncessjoni, u in vista wkoll ta' dettalli finanzjarjament sensittivi kontenuti fil-Ftehim.

Abela sostna li r-ragunijiet ghaliex il-kuntratt ma giex rilaxxat lill-atturi kienu validi u fosthom jissemma l-obbligu ta' kunfidenzjalita`. Effettivament kien gie ffirmat *Confidentiality Agreement* illi referenza ghalih saret ukoll fir-*Request for Proposals* (*Part 1, Section 6*). F'din l-istess parti tar-*Request for Proposals,* huma indikati wkoll tliet eccezzjonijiet meta

informazzjoni tista' tigi divulgata. Dawn jirreferu ghal kazi fejn l-informazzjoni tkun mitluba mill-Parlament, mill-Gvern, mill-Qrati jew entita` ohra illi ghandha s-setgha mil-Ligi illi jkollha access ghal dokumenti privileggati. It-talba ta' l-atturi ma kienet taqa' taht l-ebda minn dawn ic-cirkostanzi. L-atturi qatt ma taw raguni illi iggustifikat t-talba ghall-kopja tal-ftehim.

L-Awtorita` kienet dejjem lesta illi tezebixxi kopji tal-kuntratt iffimat jekk tkun awtorizzata jew ordnata illi taghmel dan mill-Qorti. Effettivament l-Awtorita` pprezentat dawn id-dokumenti fuq ordni tal-Qorti, liema dokumenti madankollu kellhom ikunu disponibbli biss ghall-Qorti u ghall-partijiet.

Waqt illi kienet ghaddejja l-kawza odjerna, l-atturi ghamlu rapport lill-Kummissjoni Ewropea fir-rigward ta' l-ghoti tal-*concession agreement*, izda wara illi saru investigazzjonijiet, u gew mismugha wkoll l-lanjanzi ta' l-atturi, il-Kummissjoni Ewropea ma sabet ebda nuqqas, irregolarita` jew illegalita` fit-*tendering process*. L-*emails* esebiti u mmarkati bhala Dok. CA1 jikkonfermaw illi l-*files* rigward dan ir-rapport kienu gew maghluqa.

Charles Abela a fol 491 et seq, kkonferma l-kontenut ta' l-Affidavit tieghu u spjega illi l-Kummissjoni Ewropea kienet investigat il-process kollu tat-*tendering* minn meta hareg it-*tender* sa meta gie moghti l-kuntratt. Wara ftit, kienet waslet l-informazzjoni illi l-Kummissjoni kienet ghalqet l-investigazzjoni taghha. Il-Ministeru tal-Komunikazzjoni kien spjega illi f'dawn il-kazijiet, il-Kummissjoni ma tohrogx *statement* ufficjali favur jew kontra l-partijiet. Madanakollu l-gheluq tal-*file* kien jindika illi l-Kummissjoni ma tkun sabet ebda ksur tal-Ligijiet Ewropej u ghalhekk ma jkunx necessarju illi jitkomplew l-investigazzjonijiet. L-istess informazzjoni nghatat ukoll mill-Ufficju tal-Prim Ministru.

Charles Abela in kontro-ezami a fol. 507 et seq, ikkonferma illi biex ghamel l-Affidavit tieghu kellu jikkonsulta mal-*file* relattiv.

Spjega illi l-atturi dejjem insistew illi l-offerta taghhom kienet ahjar minn dik maghzula izda ma jiftakarx illi dan kien minhabba illi, skond l-atturi, l-offerta l-ohra ma kienitx kompleta.

Abela sostna li ma kienx parti min-*negotiating team* u ghalhekk ma kienx parti mill-kumitat ta' l-aggudikazzjoni ta' dan it-*tender*. Madanakollu huwa kien informat fuq dak illi dahal fis-sehh wara illi gie aggudikat it-*tender*. Peress illi llum ix-xoghol ta' hatt u taghbija huwa r-responsabilita` ta' *Valletta Gateway Terminals,* l-importatur jew esportatur ihallas lill-istess kumpanija. L-agent ma fadallu l-ebda rwol dirett fil-hatt jew taghbija tal-merkanzija. Agent jezisti sabiex jirraprezenta l-operatur tal-vapur.

Kull meta jkun hemm ilment minn xi importatur jew esportatur, l-Awtorita` tinvestiga u tara illi t-tariffi huma pubblici u maghrufa ghal kulhadd.

Kemm ilhom illi gew maghzula l-*Valletta Gateway Terminals* kien hemm xi ilmenti dwar it-tariffi. Hafna drabi dawn l-ilmenti kienu talbiet ghal kjarifici dwar l-implimentazzjoni tat-tariffi peress illi minn zewg tariffi, issa saret wahda.

Wara illi nghatat it-*tender* lill-*Valletta Gateway Terminals*, saru laqghat ma' l-Assocjazzjoni ta' l-agenti tal-vapuri; madanakollu l-Awtorita` ma tirregolax il-hlasijiet rikjesti mill-agenti ghax-xoghol taghhom. Mistoqsi jekk apparti t-tariffa ghall-hatt tal-merkanzija, kienx hemm ukoll *charges* addizzjonali bhall-i*stacking fees*, Abela wiegeb illi ma kienx jaf jekk kienx hemm dawn il-*fees* partikolarment, madankollu kull parti tat-tariffa tkun pubblika.

Mistoqsi jekk it-tariffa unitarja kellhiex tinkludi l-*cost* marbut max-xoghol tat-*tally clerks* fil-process ghall-hatt tal-merkanzija biex b'hekk il-konsumatur ma jkomplix ihallas separatament ghalihom, Abela wiegeb illi ghalkemm ma jiftakarx jekk kienitx stabbilita fir-*Request for Proposals*, effettivament it-*tally clerks* ma baqghux jithallsu separatament.

Wara l-ghoti tat-*tender*, it-*tally clerks* gew impjegati ghal perijodu ta' zmien mill-Awtorita` konvenuta. It-tariffi proposti kellhom ikunu *on all-inclusive basis*.

Peress illi ma kienx involut fin-negozjati, Abela ma setax jghid jekk is-*single tariff* imsemmija f'Dok. VGT1 hijiex it-tariffa approvata mill-Awtorita` skond kif mitluba fir-*Request for Proposals*. Madanakollu spjega illi kull tariffa mahruga mill-*Valletta Gateway Terminals* illi hija koperta mill-Ftehim ma' l-Awtorita`, trid tigi approvata mill-istess Awtorita`.

Fil-kolonna "*agents*" f'Dok. VGT2, huma indikati l-pagamenti illi *Valletta Gateway Terminals* tigbor minghand il-*consignee* u/jew minghand l-agent skond il-kolonni rispettivi u mhux il-hlasijiet illi jingabru mill-*Valletta Gateway Terminals* minghand l-agenti.

F'Dok. VGT2**,** man-noti illi jidhru fl-ahhar tat-tabella, huma indikati wkoll diversi *extra charges* primarjament relatati ma' *overtime*. In-notament *"container stacking charge"* mhix marbuta mas-sahra. L-i*stacking* huwa parti integrali mill-process illi bih *container* jigi importat. Madanakollu skond ir-*Request for Proposals* hemm tariffa ghall-*handling* mill-*hold* tal-vapur sal-*gate*. Min-naha l-ohra, l-i*stacking rate* imsemmija f'Dok. VG2 tirreferi ghal meta *container* ikun ser jigi esportat vojt. Meta *container* jitlaq minn Malta bl-*export*, generalment ikun dahal mimli bl-*imports*. Meta *container* ikun hiereg mill-port, it-tariffa tvarja skond jekk dan ikunx hiereg vojt jew mimli.

*Shifting of cargo* illi jkun parti mill-hatt u t-taghbija huwa inkluz fis-*single tariff*. Izda meta vapur jitlob illi jkun hemm *shifting* ta' *cargo* abbord jew meta *cargo* jitnizzel l-art u jerga' jittella' fuq l-istess vapur, hemm tariffa specifika illi mhix parti mis-*single tariff*. *Cargo* illi jkun ghall-esportazzjoni jew ikun gie importat, jigifieri jinzel mill-vapur u johrog mill-*gate* tat-*terminal* jew vice versa, huwa kopert mis-*single tariff*. Is-*single tariff* kellha tkopri kull tip ta' *break bulk cargo*. L-agent jigbor il-*freight* minghand l-importatur f'isem l-operatur tal-vapur.

Charles V. Schembri, Direttur Ezekuttiv tal-Portijiet fi hdan l-Awtorita` Marittima ta’ Malta, a fol. 446 et seq, xehed illi n-*Negotiating Team* kien gie appuntant mill-Ministeru tal-Kompetittivita` u Komunikazzjoni u kien kompost minn Dottor Mark Bonello, Louis Cilia u Sunny Portelli fil-kwalita` personali taghhom. Huma kellhom l-inkarigu illi jippreparaw *Request for Proposals*, imbaghad jevalwaw l-offerti illi jircievu u jaghmlu r-rakkomandazzjoni lill-Ministru illi appuntahom. Dan in-*Negotiating Team* kien awtorizzat illi jirregola l-proceduri tieghu stess. Dottor Mark Bonello kien effettivament appunta lil Schembri stess bhala *Minutes Secretary*.

L-offerti sottomessi kienu gew ezaminati mill-ufficju legali *Mamo TCV* u minn *Pricewaterhouse Coopers* bhala konsulenti finanzjarji u dawk *shortlisted* kienu l-offerti maghmula mill-kumpanija Tumas Group u *Portek* bhala konsorzju wiehed, u mill-atturi, illi kienu jifformaw il-konsorzju l-iehor. Schembri xehed illi wara diversi laqghat bejn il-Bord u z-zewg konsorzja, in-*Negotiating Team* irrakkomanda lill-*Portek* Tumas Group (eventwalment maghruf bhala *Valletta Gateway Terminals* [VGT]), u kien sar ir-rapport relattiv lill-Ministru.

Schembri kien jaf biss illi dan ir-rapport jezisti izda huwa qatt ma ra r-rapport finali tan-*Negotiating Team*. Madanakollu, huwa kien attenda ghal diversi laqghat illi kienu saru bejn in-*Negotiating Team* u l-konsorzju rebbieh. Xehed illi flimkien ma’ persuni ohra mill-ufficju tieghu, huwa kien ikun ikkonsultat dwar dettalli teknici ta’ l-andament tal-portijiet – anke meta kien ghadu qieghed jigi formulat ir-*Request for Proposals*.

Schembri kkonferma wkoll illi huwa minnu dak illi huwa mnizzel fir-*Request for Proposals* ipprezentat bhala Dok. A, illi t-tariffa msemmija fl-istess dokument tkopri l-process kollu bejn l-istiva tal-vapur sar-*releasing gate*. Din it-tariffa tapplika ghall-merkanzija domestika kollha. Schembri zied illi huwa ma kienx jaf x’kienet tkopri t-tariffa proposta minn *Valletta*

*Gateway Terminals* ghaliex huwa ma qara l-ebda offerta, ghalkemm wara li gie ffirmat il-kuntratt, huwa kien jattendi l-laqghat max-*shipping agents*.

Il-kuntratt iffimat minn *Valletta Gateway Terminals* kien stabilixxa r-rati illi kellhom jigu *charged* mill-istess konsorzju u mill-*Malta Freeport Terminals* fir-rigward tal-merkanzija domestika. Id-diskussjoni max-*shipping agents* min-naha l-ohra, kienet tinvolvi t-tariffa illi kellha tmur direttament ghand it-*Terminal Operators*, ossia l-*Valletta Gateway Terminals* u l-*Malta Freeport Terminals* kif ukoll it-tariffa illi hija regolata bil-legislazzjoni li tmur ghand il-haddiema tax-Xatt u l-*foreman* tal-haddiema tal-Port.

Sa qabel ma gie appuntat it-*terminal operator* fil-Port il-Kbir, ix-*shipping agent* kien responsabbli ghall-manigg ta' merkanzija abbord. Is-socjeta` precedenti ghall-*Valletta Gateway Terminals* (*Cargo Handling*) kienet responsabbli ghall-immaniggjar ta' merkanzija fuq il-mollijiet. Dak iz-zmien ix-*shipping agents* kienu jithallsu skond tariffa illi kienet maghrufa bhala FIOS *Charges* illi kienet tinkludi l-ispejjez tal-haddiema tal-Port u tal-*foremen* ghax-xoghol abbord. Skond Schembri, dawn il-haddiema issa ghaddew taht ir-responsabilita` tat-*Terminal Operator* il-gdid, jigifieri l-*Valletta Gateway Terminals*. B'hekk ix-*shipping agents* kien mehtieg illi jigu informati bl-ispejjez illi kienu ser jinkorru.

Sussegwentement giet ippubblikata tariffa mill-Awtorita` Marittima ta' Malta, lill-*Valletta Gateway Terminals* u lill-*Malta Freeport Terminals* ghar-rigward ta' manigg ta' merkanzija domestika mill-istiva sal-*Gate.* Din it-tariffa kienet maqsuma bi dhul taz-zewg *terminal operators* u l-ispiza tar-*regulated costs* tal-haddiema tal-port u tal-*Foremen* taghhom. Schembri spjega illi b'dan il-mod, ix-*shipping agent* inqata' 'l barra mill-istampa illi tinvolvi lit-*terminal operators* u r-*regulated costs* ghaliex l-ispiza tax-*shipping agent* issa saret tinvolvi biss lill-agent fir-rigward tas-servizz illi huwa jaghti lill-importatur u lill-esportatur.

Dottor Mark Bonello, *non-executive Chairman* ta' l-Awtorita` Marittima xhed a fol. 453 et seq, illi, flimkien ma' zewg membri ohrajn, kien *Chairman* tan-*Negotiating Team* mahtur

mill-Ministru responsabbli mill-Portijiet. Ir-rwol ta' dan in-*Negotiating Team* kien illi jwassal ghall-process ta' tender pubbliku ghall-ghoti ta' koncessjoni ghall-*cargo-handling* fil-Port tal-Belt, mill-1 ta' Lulju 2006 'il quddiem. Dan ghaliex il-kuntratt ma' *The Cargo Handling Company* kien jiskadi fit-30 ta' Gunju 2006.

F'Settembru 2005 kienet harget *call for expression of interest*, illi kienet titlob biss dettall dwar il-konsorzja u li ghaliha wiegbu sitt konsorzja. Wara evalwazzjoni preliminari min-*Negotiating Team*, gie rrakkomandat min-*Negotiating Team* lill-Ministru illi dawn is-sitt *consortia* kienu lkoll kompetenti sabiex ighaddu ghat-tieni fazi tal-process, jigifieri biex ikunu jistghu jinghataw *tender* ghall-koncessjoni u jitfghu l-offerta taghhom. Wara konsultazzjoni mal-Kabinett, il-Ministru awtorizza r-rakkomandazzjoni u b'hekk is-sitt konsorzja ghaddew ghat-tieni stadju, fejn f'nofs Frar tas-sena 2006 gew mistiedna biex jigbru t-*tender document* mill-Awtorita` Marittima.

F'dan id-dokument, kien hemm id-draft tal-*concession agreement* illi kellu jifforma l-bazi tal-kuntratt eventwali. Dan apparti appendici fejn il-*bidders* kellhom jaghtu informazzjoni dettaljata dwar garanziji, *standards* u t-tariffi proposti fl-offerta. Effettivament il-konsorzja ntalbu jissottomettu l-offerta taghhom ghat-*terminal operator charge*, illi ma jinkludix is-*service provider charge,* is-*Service Documentation and Processing Fee* jew il-hlas tal-burdnar. Id-Dok. A esebit in atti huwa estratt mit-tender *document* billi *Part III, Part IV* u l-*Appendices* m'humiex inkluzi ma' dan id-dokument esebit.

L-offerti tal-konsorzja kellhom jigu sottomessi sal-bidu ta' April 2006. Gew sottomessi hames offerti peress illi wiehed mill-konsorzja kien irtira, u hemmhekk bdiet l-evalwazzjoni. In-*Negotiating Team* accerta ruhu illi l-offerti sottomessi kienu fil-format korrett u kompleti permezz ta' *grid* legali u *grid* finanzjarju. Saru laqghat ma' kull konsorzjum sabiex isiru spjegazzjonijiet ta' l-offerti u kjarifiki. Kull konsorzjum inghata l-istess ammont ta' hin ghal dan l-ezercizzju. Wara dawn il-laqghat, in-*Negotiating Team* kompla bl-evalwazzjoni tieghu sabiex isir *short-listing*.

Iz-zewg konsorzja proposti lill-Kabinett sabiex jigu *short-listed* kienu dak iffurmat mill-atturi odjerni, u iehor maghmul minn *Portek Ports* flimkien ma *TF Shipping Limited*, li hija kumpanija b'interessi ta' *Tumas Group*. Il-Ministru mbaghad awtorizza lin-*Negotiating Team* sabiex ikompli diskussjonijiet ma' dawn iz-zewg konsorzja.

Effettivament, in-*Negotiating Team* iltaqa' darb'ohra separatament maz-zewg konsorzja fejn saru aktar domandi fid-dettall u kjarifiki anke min-naha tal-konsorzja stess dwar punti illi ma kienux cari fit-tender *document*.

B'assistenza ta' konsulenti legali u finanzjarji, in-*Negotiating Team* ghadda minn process ta' evalwazzjoni interna. Wara dan il-process, gie deciz unanimament illi ssir rakkomandazzjoni lill-Ministru illi l-konsorzju maghzul kellu jkun dak iffurmat minn *Portek Ports* u *TF Shipping Limited*.

Wara diskussjoni mal-Kabinett, il-Ministru awtorizza lin-*Negotiating Team* u lill-Awtorita` Marittima sabiex tidhol f'kuntratt ghal tletin sena ghall-*cargo handling* fil-mollijiet maghrufin bhala d-*Deep Water Quay* fil-Marsa u *Magazine Wharf* u *Laboratory Wharf* f'Kordin.

Il-kuntratt gie ffirmat fl-10 ta' Gunju 2006 fejn matul dan ix-xahar saret il-*handover* mill-kumpanija precedenti ghall-kumpanija l-gdida. Il-konsorzju l-gdid beda l-operazzjonijiet tieghu nhar l-1 ta' Lulju 2006 taht l-isem ta' *Valletta Gateway Terminals*.

Dr. Bonello specifika illi kull meta saret rakkomandazzjoni lill-Ministru saret bil-miktub u bir-ragunijiet ghal kull rakkomandazzjoni. Kienet ukoll dejjem iffirmata minn kull membru tan-*Negotiating Team*.

Ftit xhur wara li gie ffirmat il-kuntratt, kienet intbaghtet talba minn Dottor Pio Valletta ghan-nom ta’ l-atturi sabiex l-Awtorita` Marittima tforni kopja tal-*concession agreement* lill-klienti tieghu (*fol*. 61, 62). Wara li ttiehed parir legali, in-*Negotiating Team* informa lil Dottor Valletta illi dan ma setax isir anke minhabba illi kien necessarju l-kunsens tal-parti l-ohra tal-kuntratt.

Fis-sena 2005, il-Gvern kien nieda process ta’ riforma fil-portijiet. Effettivament, sa l-ahhar ta’ Gunju 2006, il-process tal-merkanzija fil-portijiet kien jinhadem parti taht il-kontroll ta’ l-agent tal-vapur f’dak illi jirrigwarda *handling* tal-merkanzija abbord u parti taht it-*terminal operator* fuq l-art fejn il-kumpanija *Cargo Handling Company Limited* kienet twassal il-merkanzija sa l-i*stacking yard* illi kien hemm fid-dahla tal-Port. Il-merkanzija mbaghad kienet tinhareg ‘il barra mill-Port mill-burdnar.

B’din is-sistema, l-agent kien johrog kont (*FIOS – Free In-Out Service*) illi kien jinkludi l-hlasijiet illi kien jaghmel l-agent lil diversi *service-providers* bhall-haddiema tal-port, *foremen*, *tally clerks* u anke haddiema tad-Dwana waqt illi jkunu qieghdin jahdmu barra l-hinijiet taghhom. Dan il-kont kien jinkludi wkoll il-hlas ta’ l-agent stess.

Mill-1 ta’ Lulju 2006 ‘il quddiem, is-sistema giet integrata b’mod illi kemm ix-xoghol abbord kif ukoll ix-xoghol ta’ l-art kellu jaqa’ taht ir-responsabilita` tat-*terminal operator*, jigifieri l-*Valletta Gateway Terminals*. Dan sar biex tizdied l-efficjenza fl-immaniggjar tal-merkanzija u biex ikun jista’ jsir trahhis fit-tariffi ezistenti fil-portijiet.

B’din is-sistema, peress illi l-hlas lis-*service-providers* beda jsir mit-*terminal operator Valletta Gateway Terminals* stess, l-agent beda jithallas biss mill-klient tieghu ghall-hlasijiet diretti ghal xoghlu, liema hlas jissejjah *Service Documentation and Processing Fee.*

Dan ifisser illi t-*tender* proprju kien intiz sabiex il-konsorzja jipproponu tariffa ghax-xoghol kollu, kemm dak abbord, kif ukoll fuq l-art kif spjegat f'*Part 1, Section 2* ta' Dok. A (*fol*. 12 u 13). It-tariffi applikati llum huma ppublikati fil-*website* tal-*Valletta Gateway Terminals Limited*.

F'Lulju 2006 wara l-firma tal-kuntratt, saru wkoll laqghat mill-Awtorita` Marittima ma' l-agenti tal-vapuri fir-rigward tat-tariffi sabiex, peress illi kienet ser issir bidla fil-hlasijiet taghhom mis-sistema tal-*FIOS* ghall-*Service Documentation and Processing Fee*, ma jkunx hemm zieda mhix gustifikata fil-hlasijiet lill-agenti b'mod illi jintilef l-ghan tar-riforma.

Ricevitur tal-merkanzija llum jircievi tliet kontijiet in konnessjoni ma' importazzjoni ta' merkanzija ossia: -

a. *Consolidated Tariff* – Hlas dovut lit-*terminal operator* illi jinkludi t-*terminal operator charge* (regolata permezz ta' kuntratt illi jezisti bejn l-Awtorita` u t-*terminal operator*) kif ukoll is-*service-provider charge* (regolata skond l-Avvizi Legali illi jirregolaw il-hlasijiet lis-*service providers* ossia haddiema tal-Port, *foremen*, u *tally clerks*). It-*terminal operator* jaghmel biss qliegh mit-*terminal operator charge* minhabba illi s-*service-provider charge* huwa regolat bil-Ligi.

b. Il-kont ta' l-agent – li jkopri s-servizz ta' l-agent tal-vapur.

c. Il-kont tal-burdnar ghall-garr tal-merkanzija mill-port tad-destinazzjoni.

Il-kontijiet ta' l-agent u tal-burdnar m'humiex regolati peress illi huwa s-suq liberalizzat illi jahdmu fih, illi jiddetermina l-prezz.

Huwa l-agent tal-vapur illi huwa responsabbli johrog id-*Delivery Order*. Din hija tip ta' certifikat illi jinhareg mill-agent tal-vapur direttament lir-ricevitur jekk dan ikun ser jigbor il-merkanzija direttament, jew lill-burdnar sabiex ikun jista' jidhol fil-port u jkun jista' jiehu l-merkanzija. Il-merkanzija ma tistax tigi rilaxxata minghajr din id-*delivery order*.

It-tender illi harget l-Awtorita` Marittima ghall-koncessjoni tal-Port tal-Belt kien ukoll jelenka illi *bidders* illi kienu disposti joffru impieg lill-haddiema u *service-providers* ohrajn fil-port, kienu jinghataw preferenza fuq dawk illi ma kienux lesti jaghmlu dan. Dawn il-haddiema kienu jinkludu dawk ta' l-ex-operatur *The Cargo Handling Company Limited*, id-*delivery clerks* u wkoll *tally clerks*. It-*tally clerks* kellhom gharfien ta' xogholhom fil-Ligijiet illi jirregolaw l-operat ta' portijiet Maltin. Id-*delivery clerks* kienu jahdmu b'forma ta' sub-appalt lill-operatur precedenti.

Meta ntemm l-operat ta' *The Cargo Handling Company Limited* fit-30 ta' Gunju 2006, l-operatur il-gdid *Valletta Gateway Terminals Limited* accetta illi jiehu l-haddiema diretti ta' l-ex-operatur, flimkien mad-*delivery clerks*. It-*tally clerks* kienu u ghadhom jaghmlu xoghol fiz-zewg portijiet ghaz-zewg operaturi.

Il-konsorzju illi aktar tard ifforma *Valletta Gateway Terminals Limited* kien indika illi kien lest illi jhallas ghall-parti ta' l-operat tat-*tally clerks* illi jsir fil-Belt, izda mhux ghal dak illi jsir fil-*Malta Freeport.*

Ma kienx intlahaq ftehim sabiex l-operatur fil-*Freeport* jerfa' l-parti tieghu ta' l-ispiza fit-tul. Madanakollu, il-*Malta Freeport Terminals Limited* accettat illi terfa' l-ispiza tat-*tally clerks* sal-31 ta' Dicembru 2006 peress illi l-Gvern kien habbar illi r-riforma fil-portijiet kellha tkun kompletata sa l-ahhar ta' Dicembru 2006.

Fir-rigward ta' l-ispiza mill-1 ta' Jannar 2007 'il quddiem, in-*Negotiating Team* avvicina lill-*Valletta Gateways Terminal Limited* bil-ghan illi l-flus illi dan il-konsorzju kellu jhallas ghat-*tally clerks* tal-Belt tigi msarrfa fi trahhis addizzjonali fit-*terminal operator charge* illi kien ser ikun ekwitabbli ghal kulhadd. Dan ir-rohs sar wara illi kien gie ffirmat il-kuntratt fl-10 ta' Gunju 2006, u l-istess tariffi mrahhsa ghadhom japplikaw sal-lum. Dan kien jirrifletti r-risparm illi kienu ser jaghmlu l-*Valletta Gateway Terminals Limited* mill-1 ta' Jannar 2007 'il quddiem.

L-Awtorita` Marittima kienet hadet decizjoni illli n-numru tat-*tally clerks* jonqos maz-zmien sabiex xogholhom jibda jsir b'*joint tally* bejn l-agent tal-vapur u t-*terminal operator* fiz-zewg portijiet. B'hekk, gie deciz illi t-*tally clerks* jigu salarjati u impjegati diretti ta' l-Awtorita` Marittima sa mill-1 ta' Jannar 2007.

L-Onorevoli Ministru Vincent Galea a fol. 467 et seq., xehed illi kien gie kkonfermat illi t-*tender document* hareg taht l-Awtorita' tal-Ministeru.

Huwa stqarr wkoll illi l-Kumitat tan-*Negotiating Team*, maghmul minn Dottor Mark Bonello bhala *chairman* u mis-Sur Sunny Portelli u s-Sur Louis Cilia bhala membri, kellu l-inkarigu illi jara t-*tenders* kollha sottomessi u jevalwahom. Il-Ministru Galea inghata infomazzjoni mill-Kumitat wara l-gheluq tal-process u mhux matulu.

Wara tmiem il-process u meta kienu waslu s-suggerimenti tal-Kumitat, Il-Ministru Vincent Galea tela' quddiem il-Kabinett sabiex tigi approvata l-ghazla mill-istess Kabinett. Dakinhar jew l-ghada stess illi l-Kabinett approva l-ghazla, harget stqarrija pubblika illi kkonfermat liema konsorzju kien inghata t-*tender*.

Il-ftehim ufficjali gie ffirmat fil-prezenza tal-Ministru Galea u fl-istess hin kienet qieghda ssir Konferenza Stampa sabiex jigi ppublicizzat dan il-ftehim.

Ftit granet wara illi gie ffirmat il-Ftehim u bdiet topera l-kumpanija l-gdida, il-Ministru Galea kellu komunikazzjonijiet minn Dottor Pio Valletta, kemm verbali kif ukoll bil-miktub, fejn intalbu xi dokumenti.

Il-Ministru Galea stqarr illi huwa ra t-*tender document* biss wara li gie ppubblikat u stqarr illi kien ikun qieghed jigdeb jekk ighid illi t-tariffi ma kienux ta' importanza ghall-Gvern. Sussegwentement ghall-ghazla tal-konsorzju, kien hemm diversi stqarrijiet pubblici mahruga minnu kif ukoll mill-Awtorita` Marittima ta' Malta, fejn saret referenza ghat-tariffi illi kien ikun informat dwarhom l-istess Ministru. Ix-xhud kien cert illi saret referenza pubblika ghat-tnaqqis fit-tariffi bhala rizultat tar-riforma u l-process ta' ristrutturar.

Joseph M. Muscat a fol 482 et seq., *partner* fis-socjeta` *Pricewaterhouse Coopers* xhed li kien responsabbli mill-progett ta' privatizzazzjoni tal-*cargo handling operations* fil-Belt.

Id-dokument intitolat *"Report by the Negotiating Team on the Two Short-Listed Bids"* kif ukoll Artikolu 4.2 u l-*Annex*, immarkati bhala Dok. PG2, jippermettu illi jigu mqabbla t-tariffi ta' l-atturi ma' dawk ta' *Portek Group*.

Skond il-parametri tar-*Request for Proposals, Pricewaterhouse Coopers* ikkomparat iz-zewg settijiet ta' tariffi illi kellha, u mhux analizzat an *all-inclusive tariff*. It-tariffi taz-zewg *tenderers* kienu kompluti. L-analizi saret billi t-tariffi gew ikkomparati *like with like*, u ge kkunsidrat ukoll il-volum tax-xoghol involut u l-*heavy lift charge*, liema tariffa fil-kaz ta' l-atturi kienet inkluza bhala *footnote*. Gie eskluz f'kull kaz il- hlas lill-agenti ghall-iprocessar tad-dokumenti 'l ghaliex ma jaqax fil-kuncett ta' *cargo handling* sikkome mhux xoghol illi jaqa' bejn ix-*ship's rail* u l-*port's gate*.

Lucienne Meilak d-Direttur responsabbli ghall-Affarijiet ta’ l-Unjoni Ewropea fi hdan il-Ministeru ta’ l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni a fol. 505 et seq., xhedet illi giet involuta fil-kwistjoni meta gew ghandha d-dokumenti illi precedentement kienu f’idejn il-Ministeru inkarigat dak iz-zmien.

L-ilment dwar *pre-infringment procedure* numru 2006/5039 sar mill-atturi f’dina l-kawza kontra l-Awtorita` Marittima ta’ Malta lill-Kummissjoni Ewropea, u din irreferietu lura lill-Gvern ta’ Malta b’serje ta’ domandi illi Malta wiegbet nhar is-27 ta’ Dicembru 2007. Ir-regola hija illi l-Kummissjoni tista’ taghmel domandi ulterjuri fejn ma tkunx sodisfatta bir-replika tal-Gvern. Jekk ikun hemm xi ksur tar-regolamenti ta’ l-Unjoni Ewropea, jista’ jinghata zmien lill-Gvern sabiex jirretifika l-pozizzjoni tieghu u/jew jinfethu *infringement procedures* illi huma tip ta’ investigazzjoni minnhom infushom.

Il-Qorti wara li ezaminat u analizzat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo, taghraf illi ghandha takkolji il-maggiorparti tar-rezultanzi minnha raggunti kif ser jigi spjegat .

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza tirrigwarda l-ghoti tal-koncessjoni ghall-immaniggjar tal-merkanzija fil-Port il-Kbir. F’Settembru 2005 kien inhareg *call for expressions of interest* u wara l-evalwazzjoni relattiva tal-konsorzja illi kienu nghataw it-*tender documents*, gew *shortlisted* il-konsorzju ffurmat mill-atturi, maghruf bhala *La Valletta Terminal Company*, u l-konsorzju ffurmat minn *Portek Group (Singapore)* u *TF Shipping Agencies Limited*. Eventwalment kien dan ta’ l-ahhar illi ntghazel bhala l-*bidder* preferut u nghata l-koncessjoni.

L-atturi jsostnu illi l-proposta taghhom kienet aktar favorevoli u kompleta minn dik sottomessa u pprezentata mill-konsorzju maghzul (ossia l-*Valletta Gateway Terminal* tissejjah VGT minn hawn il-quddiem. Jallegaw l-atturi illi l-proposta tal-VGT ma tissodisfax ir-rekwizi kollha kontenuti u rikjesti fis-sejha ghall-proposti. Ghal din ir-raguni, l-atturi insistew illi jigu moghtija kopja tal-Ftehim iffirmat bejn l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta u l-VGT, sabiex b’hekk ikollhom sodisfazzjon u informazzjoni dwar ir-ragunijiet illi ddeterminaw dik l-ghazla kif ukoll dwar jekk fl-ghazla gewx segwiti fedelment it-termini u r-rekwiziti kollha tas-sejha ghall-proposti. Madanakollu l-konvenuti rrifjutaw illi jipprovdu kopja ta’ l-imsemmi Ftehim ghaliex iddikjaraw illi kienu marbuta b’obbligu ta’ kunfidenzjalita` anke mal-VGT. Ghaldaqstant l-atturi talbu dikjarazzjoni illi l-ghemejjel amministrattivi tal-konvenuti konsistenti fir-rifjut ta’ l-ghoti ta’ kopja tal-Ftehim iffirmat bejn il-VGT u l-konvenuta l-Awtorita` Marittima ta’ Malta, u fl-ghazla maghmula mill-konvenuti tal-proposta ta’ l-istess konsorzju kienu nulli, invalidi u minghajr effett ai termini ta’ paragrafi (iii) u (iv) ta’ sub-artikolu 1 ta’ l-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Awtorita’ Marittima ta’ Malta fis-sens li l-Awtorita’ ghandha personalita` guridika distinta ai termini ta’ l-Artikolu 3(2) ta’ l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta’ Malta u kwindi l-kawza ma kellhiex tinfetah kontra c-*Chairman* ta’ l-Awtorita` Marittima izda kontra l-Awtorita` Marittima ta’ Malta**,** il-Qorti diversament preseduta kienet laqghet it-talba ghal korezzjoni u ordnat il-korrezzjoni rikjesta permezz tad-digriet taghha datat 8 ta’ Marzu 2007 (vide fol. 154).

Il-Qorti tghaddi biex tezamina t-tieni eccezzjoni cioe’ li l-gudizzju m’huwiex integru peress illi z-zewg talbiet attrici jincidu direttament l-interessi tal-konsorzju rebbieh, u ghalhekk ir-rebbieh tat-tender *de quo* kellu jkun imharrek mal-konvenuti, ossia parti fil-kawza.

Kif diga` nghad, fit-talbiet taghhom, l-atturi qieghdin jitolbu illi r-rifjut tal-konvenuti illi jghaddu lill-atturi kopja tal-kuntratt bejn l-istess konvenuti u l-VGT, kif ukoll l-ghazla mill-

konvenuti tal-proposta ta' l-istess konsorzju, kellhom jigu ddikjarati nulli u bla effett. Skont il-konvenuti ma hemm ebda dubbju illi fil-fatt it-talbiet attrici jincidu b'mod dirett fuq l-interessi tal-VGT, dan specjalment ghaliex f'kaz illi dina l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici, naturalment ser jigi effetwati l-interessi ta' l-istess VGT.

L-eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju tistrieh fuq tliet kunsiderazzjonijiet principali, ossia li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha interessati; l-effikacita` tal-gudizzju, inkwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu ppartecipaw fl-istess gudizzju; u l-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzji sabiex ma jkunx hemm multiplicita t'azzjonijiet u sabiex kull min ikollu l-interess ikun ukoll vinkolat bil-gudizzju. Vide kawza fl-ismijiet **Victoria Zahra Dedomenico vs Alfred Zahra Dedomenico deciza fil-15ta' Jannar 1992**, mill- Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) u kawza fl-ismijiet **Highrise Company Limited vs Vincent Busuttil deciza fit-13 ta' Gunju 2001**, Prim'Awla tal-Qorti Civili.

Bla dubbju ta' xejn jirrizulta illi l-ewwel rekwizit, huwa sodisfatt ghaliex , il-VGT hija parti interessata fil-kawza odjerna.

Mill-banda l-ohra, ma jidhirx illi t-tieni rekwizit, ossia l-assigurazzjoni ta' l-effikacita` tal-gudizzju, jirrikjedi strettament il-prezenza ta' VGT f'dawn il-proceduri. Huwa l-ghemil u d-decizjonijiet tal-konvenuti illi qieghdin jigu impunjati, u mhux l-agir tal-konsorzju maghzul *per se*. Dan ifisser illi huma l-konvenuti attwali, illi huma idoneji sabiex potenzjalment jirrispondu ghat-talbiet attrici u mhux il-konsorzju maghzul, 'l ghaliex huwa estraneju ghall-agir addebitat lill-konvenuti mill-atturi.

Ghar-rigward t-tielet rekwizit, u cioe' il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzju, jidher illi seta' kien ghaqli illi VGT tigi mharrka f'dawn il-proceduri, dan ma jfissirx necessarjament illi l-azzjoni attrici ghandha tfalli ghaliex dan ma sarx, sikkome l-istituzzjoni tal-kjamat in kawza u

l-intervenut *in statu et terminis* dejjem kienu disponibbli ghal-partijiet, vide **Vincent Agius pro et noe vs Mario Borg et**, deciz fit-**28 ta' Marzu 2003**, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn n-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju jigi dejjem jigi rimedjat bil-kjamata fil-kawza tat-terz interessat.

Jidher pero illi l-partijiet fil-kawza odjerna qatt ma intavolaw tali talba. Din il-Qorti tqis illi f'dawn ic-cirkostanzi ghandha taghmel accenn ghas-sentenza fl-ismijiet **Maltacom plc vs C.P.L Developments Limited deciza fis-26 t'April 2001**, irriteniet illi l-istitut tal-kjamata fil-kawza kien intiz sabiex jassigura l-integrita` tal-gudizzju: -

> ***"Jekk allura jirrizulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt jottjeni l-kundanna gudizzjarja tal-kjamat fil-kawza ghaliex ma dan m'ghandu ebda relazzjoni guridika, u jigi allura stabbilit li dan ma kienx il-legittimu kontradittur tieghu, anke jekk jirrizulta li seta' kien fuq l-istess meritu l-legittimu kontradittur tal-konvenut, din il-Qorti ma tarax kif tista' l-azzjoni tregi fil-konfront tieghu".***

Vide ukoll kawza fl-ismijiet **Frankie Refalo vs Jason Azzopardi et deciza fil-**5 **t'Ottubru 2001**, Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) u kawza fl-ismijiet **Lawrence Farrugia vs Joseph Fava deciza fit-18 ta'Mejju 1995**, Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri): -

> ***"L-istitut tal-kjamat fil-kawza ma jistax jigi applikat, ma ghandux ikun hemm rikors ghalih, fil-kazijiet fejn il-gudizzju jkun diga` integru bil-presenza fil-kawza tal-konvenut u fejn ir-responsabilita` tal-konvenut vis-à-vis l-attur hija indubitata indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma'***

> ***haddiehor li kwantu ghall-attur jibqa' terz, forsi interessat, li pero` mieghu ma jkunx hemm relazzjoni guridika."***

Effettivament fil-kaz odjern, in-"negozju", ossia il-pern ta' dawn il-proceduri, kien l-evalwazzjoni tal-proposti u l-ghazla tal-konsorzju VGT mill-konvenuti jew min minnhom – u mhux xi agir attribwibbli lil VGT *per se*.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi l-ecccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju minhabba l-assenza minn dawn il-proceduri tal-konsorzju rebbieh VGT, ghandha tigi michuda.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-eccezzjoni li jmiss u cioe li l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u l-Procedura Civili mhux applikabbli minhabba illi hemm rimedji ohra disponibbli.

L-atturi bbazaw iz-zewg talbiet taghhom, ossia illi jigu ddikjarati nulli l-ghemil amministrattiv tal-konvenuti (konsistenti **fir-rifjut ta' kopja tal-ftehim tal-koncessjoni** bejn l-Awtorita` Marittima ta' Malta u l-VGT, kif ukoll l-**ghazla nnifisha** tal-konsorzju), fuq il-paragrafi (iii) u (iv) ta' sub-artikolu 1 ta' l-**Artikolu 469A** tal-**Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili**.

L-imsemmi Artikolu 469A jipprovdi testwalment: -

> ***"469A. (1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi ghemil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:***

***Omissis***

***(b) meta l-ghemil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin:***

***Omissis***

***(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew ħtigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil; jew***

***(iii) meta l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-awtorita` pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;***

***(iv) meta l-ghemil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi."***

L-atturi qieghdin jallegaw illi l-ghemil tal-konvenuti kien *ultra vires* minhabba li sar b'abbuz tas-setgha ta' l-awtorita` jew kien, ghal xi raguni ohra, imur kontra l-Ligi. Madanakollu s-setgha ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-istess dispozizzjoni hija subordinata ghar-rekwizit illi l-Ligi ma tipprovdix xi rimedju iehor: -

> ***"(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra."***

Illi l-intimati rribadew illi l-atturi setghu rrikorrew ghar-rimedju moghti mill-Artikolu 637 ta' l-istess Kodici, riferibbilment ghall-*actio ad exhibendum*. Il-paragrafu (c) tas-sub-inciz 1 ta' l-imsemmi Artikolu jipprovdi illi tista' tintalab l-esibizzjoni ta' dokumenti li jkunu fil-pussess ta' haddiehor jekk il-parti illi titlob tali esibizzjoni turi li ghandha interess illi dawn jingiebu mill-parti l-ohra fil-kawza, minkejja li tali dokumenti ma jkunux tal-parti li talbithom jew ma jkollhiex sehem fihom. Skond l-Awtorita' konvenuta dan il-paragrafu jidher illi jkopri ezattament il-pozizzjoni ta' l-atturi u effettivament, jekk wiehed ihares lejn l-Affidavits ta' l-atturi Bezzina u Meli,ipprezentati nhar it-18 ta' Jannar 2007, jara illi l-intenzjoni taghhom kienet proprju illi juru lil dina l-Onorabbli Qorti illi huma ghandhom interess u ghaldaqstant dritt, illi jkollhom access ghad-dokument mitlub minnhom: -

> ***"L-informazzjoni rikjesta kienet importanti biex jigi determinat jekk kienitx intaghzlet l-aktar proposta vantaggjuza specjalment fir-rigward tat-tariffi tal-port illi kienu gew proposti mill-konsorzju maghzul."*** (Vide Affidavits ta' l-atturi Bezzina u Meli a fol.147 et seq, u fol. 150 et seq.)

Issa storikament, l-*Actio ad Exhibendum* kienet isservi ta' azzjoni preparatorja ghal azzjoni ohra sussegwenti. Madanakollu, l-Artikolu 637 tal-Kap 12 jirregola t-talba ghall-esebizzjoni ta' dokumenti ***pendente lite*** u bhala parti minn kawza ohra, u mhux bhala proceduri separati istitwiti biss ghall-iskop tal-produzzjoni ta' dokumenti. Dan jirrizulta primarjament mill-Artikolu 640 illi jiddetta illi: -

> ***"Meta t-talba għall-esibizzjoni ta' dokumenti ssir minn waħda mill-partijiet fil-kawża kontra l-parti l-oħra, għandha ssir bħas-sejħa għas-subizzjoni tal-parti kuntrarja; u meta t-talba ssir kontra terzi persuni, għandha ssir b'rikors jew fit-taħrika biex jixhdu bħala xhieda."***

Issa, skond l-Artikolu 696 ta' l-istess Kodici, il-konvenut ghandu jissejjah ghas-subizzjoni fl-iskrittura illi biha jinbdew il-procedimenti u kwindi jirrizulta illi anke din it-talba ghall-produzzjoni tad-dokument kellha ssir proprju fir-Rikors Guramentat illi bih inbdew dan il-proceduri – kif, fil-fatt, sar.

Il-Qorti tqis illi is-suggeriment jew l-argument ta' l-Awtorita` konvenuta illi l-atturi messhom ipprocedew bl-*actio ad exhibendum,* huwa insostenibbli, il-ghaliex effettivament l-atturi, illi qieghdin **jilmentaw minn agir amministrattiv**, u ghalhekk kellhom kull dritt illi jibbazaw it-talbiet taghhom fuq l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 u dana **aktar u aktar meta wiehed jqis illi l-atturi kellhom biss sitt xhur** biex jintavolaw proceduri ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 li abbazi taghha setghu jikkontestaw l-ghazla illi twettqet fit-*tender*. Huwa risaput illi t-terminu mahsub taht il-469A huwa **terminu ta' dekadenza** illi ma jippermettix interruzzjoni jew sospenzjoni. Illi ghaldaqstant il-Qorti, tifhem kif fehmu l-atturi, illi kien biss b'kopja tal-kuntratt finali illi l-atturi setghu jezaminaw, illi jekk it-termini tat-tender gew osservati skond il-ligi u ghalhekk ma kienx hemm proceduri ohra disponibbli ghalihom ghajr dik odjerna ai termini tal-Artikolu 469A Kapitolu 12.

Illi effettivament, din il-kwistjoni giet risolta biss wara l-ordni tal-Qorti permezz ta' Digriet datat 11 ta' Lulju 2007 (vide fol. 177)

Issa ghandu jinghad ukoll illi minkejja illi l-premessi fir-Rikors Guramentat jiffokaw primarjament fuq l-ilment ta' l-atturi fir-rigward tal-kopja tal-kuntratt illi ma gietx moghtija

lilhom, l-atturi **lmentaw ukoll mill-inkorrettezza ta' l-ghazla maghmula u ressqu t-tieni talba taghhom specifikatament dwar dan**.

Ghalhekk il-Qorti bl-ebda mod ma tista, takkolji s-sottomissjoni ta' l-Awtorita` Marittima ta' Malta illi l-kwistjoni tal-kopja tal-kuntratt kienet l-element ewlieni u wahdieni f'dina l-kawza. Dan ghaliex, kif jirrizulta mx-xhieda tal-process u minn dak illi jirrizulta fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi, il-premessi ta' l-istess atturi jinkludu l-fatt illi l-proposta tal-konsorzju maghzul kienet kuntrarju ghal dak mehtieg skond l-istedina ghall-offerti, u dan kellu jkun rifless fid-decizjoni ta' l-ghazla tal-konsorzju. Ghalhekk isegwi, skond l-atturi illi l-ghazla da parti tal-konvenuti kienet wahda illi naqset milli tosserva l-principji bazici ta' ekwita` u gustizzja naturali u tal-htigijiet procedurali mandatarji skond l-Artikolu 469A(ii) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Kwindi, in vista tal-fatt illi fir-Rikors Guramentat fil-kawza odjerna**,** l-atturi qieghdin jallegaw agir amministrattiv mhux xieraq da parti tal-konvenuti, u in vista wkoll tal-fatt illi l-atturi qieghdin jitolbu illi tigi dikjarata n-nullita` tad-decizjonijiet tal-konvenuti - u mhux biss il-produzzjoni tad-dokument in kwistjoni illi setghet tintalab ai termini ta' l-Artikolu 637 - jirrizulta illi ghat-talbiet attrici huwa necessarjament applikabbli l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghalhekk l-Qorti tichad it-tielet eccezzjoni tal-Awtorita' Marittima.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina ir-raba eccezzjoni solevata mill-Awtorita' Marittima li hija fis-sens li t-talbiet tar-rikorrenti qeghdin isiru *in vacuo* u mhumiex preordinati ghal rimedji illi jistghu jinghataw.

Skont il-konvenuti, it-talbiet attrici jitolbu biss dikjarazzjonijiet ta' nullita` dwar id-decizjoni tal-konvenuti. Ghalhekk il-konvenuti jissottomettu illi dan mhux permessibli stante illi

jargumentaw illi kawza dikjaratorja minghajr talba ghall- rimedju specifiku, mhix permessibli.

Il-Qorti ta' l-Appell kienet ittrattat din il-kwistjoni fis-sentenza fl-ismijiet **Giorgio Pisani vs Giorgio Borg Olivier** deciza **fit-30 ta' Mejju 1952,** meta irreteniet illi domandi ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni illi tkun pre-ordinata ghal domanda ohra definittiva, ghalkemm din tkun ghadha ma gietx dedotta f'gudizzju, m'humiex vjetati, lanqas meta d-domanda definittiva ma tkunx tista' tigi dedotta attwalment izda biss fil-futur. (Vide wkoll **Salvatore Balluci vs Joseph Vella Gera**, deciza fit-**12 ta' Marzu 1946**, Prim'Awla tal-Qorti Civili). Dik il-Qorti ghandha tkun perswaza illi l-parti jkollha interess illi titlob dik id-dikjarazzjoni, u illi l-istess dikjarazzjoni tkun tista' tifforma l-bazi ta' kawza ohra illi tista' ssir fil-futur. Aktar minn hekk, l-interess fil-kawza futura ghandu jkun konkret u ghandu jissussisti versu l-konvenut.

L-Qorti taghmel referenza wkoll ghal dak illi rriteniet dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Bezzina noe vs Direttur tal-Kuntratti et deciza fit-12 t'Ottubru 2006**, Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkwotata wkoll mill-konvenuti fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom. Skond tali gurisprudenza, ibbazata wkoll fuq dak ritenut mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Biagio Giuffrida noe vs Dr. Giorgio Borg Olivier,** fit-**3 ta' Marzu 1967,** Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fis-sistema guridiku Malti, il-Qrati ma jistghux jaghtu semplici dikjarazzjonijiet illi jkunu pre-ordinati ghal rimedji li ma jistghux jinghataw. Inoltre dikjarazzjonijiet ma jistghux jinghataw *in vacuo* imma jridu jinghataw fil-kuntest tar-rimedju specifiku illi jkun mitlub u jkun jista' jinghata mill-Qorti.

Applikat dan ir-ragunament ghall-kaz odjern, wiehed isib illi minkejja illi t-talbiet attrici m'humiex qieghdin jitolbu ebda rimedju konsegwenzjali kif suggerit mill-Artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ahhar zewg premessi fir-Rikors Guramentat jirreferu ghall-Protest Gudizzjarju pprezentat mill-atturi nhar is-17 ta' Novembru 2006 fejn il-konvenuti gew interpellati sabiex jiddezistu mill-allegati atti ta' abbuz tas-setghat taghhom,

u mizmuma responsabbli ghad-danni, spejjez u interessi illi l-istess atturi ga` soffrew u jistghu isoffru in konsegwenza ta' l-imsemmi ghemil. Jigi rilevat illi dan il-Protest ma giex esebit in atti u ghaldaqstant dan il-protest ma jistax teknikament jitqies bhala prova effettiva illi tindika li l-atturi kienu intenzjonati li jirrikorru ghal rimedju effettiv ta' danni. Madanakollu, xorta wahda jibqa' l-fatt illi jekk l-ilmenti ta' l-atturi f'dawn il-proceduri jirrizultaw fondati, u kwindi d-decizjonijiet *de quo* jigu annullati, jirrizulta awtomatikament id-dritt ta' l-atturi illi jfittxu ghad-danni konsegwenzjali. Dan ghaliex fl-ewwel lok ikun isegwi mid-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti illi l-konsorzja applikanti ma gewx trattati b'mod ugwali, u konsegwentement l-atturi jistghu jargumentaw illi huma tilfu t-*tender* ghall-immaniggjar tal-merkanzija fil-Port il-Kbir, ingustament. Minn tali agir, ovvjament, jitwieled id-dritt ghall-hlas tad-danni.

Issa f'dan ir-rigward, l-Qorti trid per necessita` tiehu in konsiderazzjoni l-argument tal-konvenuti illi effettivament ma jista' jinghata l-ebda rimedju lill-atturi minhabba illi l-offerta taghhom ma kienitx tilhaq ir-rekwiziti specifikati fir-*Request for Proposals*. Il-konvenuti argumentaw ukoll illi, li kieku dina l-Qorti kellha tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara d-decizjonijiet tal-konvenuti bhala nulli u bla effett, dan ma jkunx ifisser illi effettivament id-decizjonijiet tal-konvenuti (kemm illi ma jaghtux kopja tal-ftehim u kif ukoll fl-ghazla tal-konsorzju) kienu erronei, izda jkun ifisser biss illi l-konvenuti kienu waslu ghad-decizjonijiet taghhom b'mod irregolari u skorrett.

F'dan ir-rigward, l-Qorti ezaminat id-dokument intitolat *Report by the Negotiating Team on the Two Short-listed Bids in Reposnse to the Request for Proposals for the Cargo Handling Services Concession in the Port of Valletta*, immarkat bhala Dok. PG2. Jigi relevat illi minkejja l-linja ta' domandi illi saru mid-difensur legali ta' l-Awtorita` Marittima lill-atturi in kontro-ezami, senjatament dwar l-*audited accounts* tas-socjetajiet minnhom rapprezentati u l-*financial status* ta' l-attur Paris, minn imkien f'dan id-dokument [Dok. PG2] ma jirrizulta illi l-offerta ta' xi wiehed miz-zewg konsorzja illi gew *short-listed* ma kienitx tilhaq ir-rekwiziti specifikati fir-*Request for Proposals*. Anzi dan id-dokument effettivament jezamina liema miz-zewg offerti hija l-aktar vantaggjuza.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, l-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi f'dan il-kaz, ma tistax tigi eskluza, *ab initio,* il-possibilita` ta' kawza ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi – anke jekk l-analizi tal-fatti f'tali eventwali proceduri tesorbita ghall-kollox mill-mertu tal-proceduri odjerni. Ghall-kompletezza, l-Qorti umilment tirrileva illi mhix f'pozizzjoni illi tiddikjara illi d-decizjoni tal-konvenuti fl-ghazla tal-*consortium* rebbieh hija, fil-mertu, zbaljata. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex l-Qorti hija tenuta tezamina biss, skond il-Ligi, il-kwistjoni dwar jekk l-awtorita` amministrattiva waslitx ghad-decizjoni taghha b'mod regolari jew le. Dan huwa principju ritenut fi skorta ta' kazistika fosthom il-kawza fl-ismijiet **Anthony Psaila vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza **fit-28 ta' Jannar 2004***,* Prim'Awla tal-Qorti Civili*,* fejn il-Qorti iccitat is-sentenza **Mary Grech vs Ministru tax-Xoghlijiet et deciza fid-29 ta'Jannar 1993***,* mill- Qorti ta' l-Appell**: -**

> ***"… Kif ormai hu pacifiku, "il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta' judicial review ta' l-operat ta' l-Ezekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari ta' l-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b'dik taghhom." "***

Dan certament ma jipprekludix lill-atturi milli jistitwixxu proceduri sabiex jigu kkumpensati ghad-danni illi huma setghu soffrew jekk jigi stabbilit illi d-decizjoni tal-konvenuti effettivament ittiehdet b'mod mhux gust jew legali.

Ghaldaqstant l-Qorti tikkonkludi illi din il-kawza tista' tkun pre-ordinata ghal rimedju ulterjuri fil-kaz illi jigu milqugha t-talbiet attrici. Dan ifisser illi l-kawza odjerna ma saritx *in vacuo* izda saret bil-hsieb illi sservi ta' targa ghal procedimenti ulterjuri.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad ir-raba' eccezzjoni tal-Awtorita' intimata.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina il-hames eccezzjoni tal-Awtorita' intimata u cioe' Ir-rifjut illi l-intimati jinghataw kopja tal-ftehim finali kien legali, legittimu u ragjonevoli

Din il-kwistjoni kienet wahda mir-ragunijiet principali ghaliex l-atturi istitwew il-kawza odjerna. Jirrizulta anke mid-dokumenti esebiti mar-Rikors Guramentat, illi kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-konsulent legali ta' l-atturi u dak tan-*Negotiation Team*, kif ukoll ittri indirizzati lill-Ministru tal-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni u sahansitra lill-Prim Ministru, illi wiegeb permezz tas-Segretarjat tieghu. Madanakollu t-talba ta' l-atturi dejjem giet michuda u fil-fatt, il-konvenuti ghadhom jishqu illi kienu korretti f'tali rifjut.

Issa jekk wiehed ihares lejn ir-*Request for Proposals* (Dok. A) ossia d-dokument inizjali tal-proceduri tat-tender, isib illi *Part 1, Section 6* tistipola espressament illi l-Awtorita` Marittima tista' tigi kostretta illi tizvela informazzjoni jew dokumenti lill-Parlament, lill-Gvern jew lill-Qorti fil-kors ta' proceduri legali. Ghaldaqstant din il-parti ta' Dok. A tindika kjarament illi l-Awtorita` Marittima taht l-ebda cirkostanza ghajr dawk imsemmija, ma kienet lesta illi tizvela xi informazzjoni. Kwindi, *prima facie* dan jaghti x'jifhem illi l-Awtorita` konvenuta kellha ragun ma tqassamx kopja ta' dan il-kuntratt meta hija marbuta bi klawsola ta' kunfidenzjalita` stretta bhal din.

Il-Qorti tqis pero, illi tali klawsola ma hijiex legittima meta si tratta ta' kuntratt moghti mill-Gvern jew minn entita` tieghu ghal servizz essenzjalment pubbliku fejn il-poplu kollu u l-pubbliku in generali, apparti l-atturi ghandu interess dirett, illi jkunu accertati illi l-awtoritajiet qieghdin imexxu b'mod korrett, gust u trasparenti. Dan ma jistax isir jekk kemm –il darba id-dokument principali, u cioe' il-kuntratt innifsu ma jkunx disponibbli ghal partijiet. Din il-Qorti in oltre ma tistax tifhem ir-raguni ghal tali segretezza meta t-tariffa innifisha saret pubblika ftit zmien wara u meta l-iffirmar tal-ftehim innffisu inghata certu ammont ta' pubblicita'. Il-kaz in-ezami ma jitrattax materji sensitivi tal-Istat bhal

perezempju armamenti jew *equipment* sigriet tal-Armata jew xi sigrieti Navali li l-izvelar taghhom sejjer jippregudika jew jipperokola is-sigurta ta' l-Istat ta' Malta.

F'dan ir-rigward, l-Qorti taghmel referenza ghall-**Artikolu 4(1)** tar-**Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici** (Legislazzjoni Sussidjarja 174.04) illi jiddetta illi: -

> *"L-awtoritajiet kontraenti ghandhom jizguraw li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni bejn operaturi ekonomici, u li l-operaturi ekonomici kollha jigu trattati b'mod ugwali u* ***trasparenti*** *kull meta ssir sejha ghal offerti , ikun x'ikun il-valur stmat taghhom."*
> [Enfasi Mizjud minn din il-Qorti]

Illi ghaldaqstant gudikant ma jistghax ma jistaqsiex kif decizjoni tista' tkun trasparenti jekk l-Awtorita` Pubblika tarroga ghaliha nnifisha d-dritt illi tahbi mill-pubbliku u minn min ghandu interess dirett, il-kuntratt illi effettivament jinkorpora d-decizjoni taghha. Isegwi ghalhekk illi kuntrarjament ghal dak eccepit mill-konvenuti fit-tielet eccezzjoni minnhom sollevata, ir-rifjut ta' l-ghotja ta' kopja tal-kuntratt bejn l-Awtorita` Marittima u l-konsorzju maghzul, kienet mizura illegittima in kwantu tmur kontra l-principju tat-trasparenza illi kjarament huwa rekwizit ewlieni fi proceduri rigwardanti l-kuntratti pubblici.

Ghalhekk il-Qorti tichad il-hames l-eccezzjoni.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina is-sitt eccezzjoni (erronjament indikata ukoll bhala eccezzjoni numru hamsa (vide fol. 136 u 135) fis-sens illi t-tieni talba tar-rikorrenti kienet infondata fil-fatt u fid-dritt 'l ghaliex ma kien hemm xejn illi jirrendi l-process ta' evalwazzjoni irregolari jew illegali, anzi n-*Negotiating Team* mexa fid-decizjonijiet tieghu b'mod trasparenti u non-diskriminatorju u ghalhekk it-tieni talba tar-rikorrenti kienet infondata fil-fatt u fid-dritt.

L-Artikolu 469A tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti s-setgha lill-Qrati taghna illi jistharrgu l-**validita`** ta' ghemil amministrattiv u jiddikjaraw dak l-ghemil null, invalidu u minghajr effett. Fis-sentenza fl-ismijiet **Lawrence Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali deciz fl-1 ta' Marzu 2004**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, dina l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, spjegat ic-cirkostanzi meta ghemil amministrattiv jista' jigi ddikjarat null skond l-imsemmi Artikolu 469A(1): -

a. Meta l-att isir minn awtorita` pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu;

b. Meta dik l-awtorita`, ghalkemm ikollha setgha twettaq dak l-ghemil, tkun naqset milli thares il-principji ta' gustizzja naturali jew htiega procedurali li tabilfors trid thares qabel ma tasal ghal dak l-ghemil, jew jekk l-ghemil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' dik l-awtorita` billi jsir ghal xi ghan mhux xieraq jew ghal konsiderazzjoni irrelevanti;

c. Meta dak l-ghemil imur, b'kull mod iehor illi jkun, kontra l-Ligi. (Art. 469A(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili )

Bil-kelma "*ghemil*", il-Ligi tifhem ukoll cahda jew rifjut ta' talba li ssir minn persuna lil xi awtorita` pubblika (Art. 469A(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.). Dik il-Qorti mbaghad ghaddiet biex tezamina l-limiti ta' din is-setgha moghtija lilha mill-Artikolu 469A: -

> *"Mal-medda taz-zmien, issawru regoli li jharsu l-imsemmija setghat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istharrig taghhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija moghnija b'diskrezzjoni, tista' tigi ordnata tezercitaha f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, imma ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex*

> *jigi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jehtieg li lill-Qorti jirrizultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan ghamlitu minghajr l-indhil ta' l-ebda haddiehor jew **bla ma poggiet lilha nnifisha f'qaghda fejn ma setghetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni**. Siewi wkoll li jigi accertat li l-awtorita` mistharrga m'ghamlitx dak li kienet espressament mizmuma milli taghmel, jew jekk ghamlitx xi haga li ma kienitx awtorizzata taghmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistharrga trid tkun imxiet bona fide u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-kaz. Dawn huma, fil-qosor, il-gabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni u ta' eccess jew abbuz ta' dak l-ezercizzju."* [Enfasi mizjud minn din il-Qorti ]

Illi skond l-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Attard vs Enemalta Corporation** deciza fil-**5t'Ottubru 2001**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta kkwotat lill-awtur **Garner** illi jghid: -

> *"It is important to note that the Courts are here concerned with what factors were or were not considered in reaching a decision. They are not concerned here with **how** they were considered, or concerned with what **weight** was accorded to each… To consider a matter and to conclude that the weight to be accorded to it is nil 'lies within the scope of discretion' and is 'not necessarily to be equated with ignoring' that consideration. In other words, the role of the reviewing court is simply to satisfy itself that the decision-making body addressed itself to all relevant factors, and ignored irrelevant factors, in coming to its conclusions."(*Garner, **Administrative Law**, 8th Edition, p 224)

Applikat dan it-taghlim, abbraccat mill-Qrati taghna ghall-dan il-kaz in ezami, issir referenza ghax-xhieda moghtija minn Dottor Mark Bonello (*Non-Executive Chairman* u konsulent legali tan-*Negotiating Team* u ta' l-Awtorita` Marittima) fil-31 ta' Mejju 2007 fejn dan spjega l-process ta' evalwazzjoni adoperat min-*Negotiating Team*. In-*Negotiating Team* iltaqa' separatament maz-zewg konsorzja sabiex jiddiskuti l-proposti taghhom u l-evalwazzjoni interna saret bl-assistenza ta' konsulenti legali u finanzjarji, filwaqt illi r-rakkomandazzjoni tan-*Negotiating Team* giet awtorizzata mill-Awtorita` Marittima biss wara diskussjoni mill-Ministru responsabbli mal-Kabinett. Dan jindika fuq bazi *prima facie* illi l-process ta' evalwazzjoni kien trasparenti u korrett izda min irid jiggudika ovvjament ma jistax jistrieh biss fuq ix-xhieda ta' Dottor Bonello in kwantu dan kien direttament involut u kwindi jista' jinghad illi ghandu interess illi jiddefendi l-pozizzjoni u l-operat tan-*Negotiating Team*.

L-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal *Section 5* tar-*Request for Proposals* (Dok. A), illi tispjega illi n-*Negotiating Team* kien sejjer jibbaza l-ghazla tieghu tal-konsorzju fuq l-offerta l-aktar vantaggjuza ekonomikament, u dik li kienet l-aktar tinkoraggixxi l-efficjenza u l-kompetittivita` fil-port. In-*Negotiating Team* kellu wkoll jikkonsidra l-pozizzjoni finanzjarja tal-konsorzju offerenti, il-pjan illi dan kien qieghed jipproponi, kif ukoll l-esperjenza u l-kapacitajiet fis-settur. Ma' dan, kellha tinghata importanza wkoll lic-certezza u l-kjarezza fl-offerta. Huwa wkoll esplicitament imsemmi fl-istess dokument illi l-Gvern u l-Awtorita` Marittima kienu qieghdin jikkommettu ruhhom illi jkun hemm process ta' ghazla trasparenti u ragonevoli permezz tan-*Negotiating Team*.

Gie pprezentat in atti r-Rapport tan-*Negotiating Team* illi jindika illi l-proceduri kollha gew irrekordjati u traskritti, u li kienu saru zewg laqghat maz-zewg konsorjza, fejn dawn kellhom ic-cans jipprezentaw l-offerti taghhom fid-dettall anke permezz ta' makkinarju awdjo-viziv. Ir-rapport jinkludi wkoll sintezi ta' l-offerti taz-zewg konsorzja, filwaqt illi mir-Rapport innifsu jirrizulta illi, kif kien imwieghed illi n-*Negotiating Team* ibbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq: -

a. Il-pozizzjoni finanzjarja u l-pjanijiet relevanti taz-zewg konsorzja;

b. Il-pozizzjoni tal-konsorzja fir-rigward tal-haddiema ezistenti u tal-proposti ta' xoghol;

c. Iz-zmien propost ghall-koncessjoni;

d. Il-proposti ghall-investiment;

e. It-tariffi proposti;

f. Il-pjanijiet ghal programmi ta' riforma fil-port;

g. Il-kompatibilita` tal-proposti ma' l-abbozz tal-ftehim skond ir-*Request for Proposals*;

h. L-agilita` ghall-process ta' *handover*.

Ghalhek jidher illi n-*Negotiating Team* fl-ghazla tieghu mexa fuq il-punti dettaljati fir-*Request for Proposals*. Effettivament, ghalkemm l-attur Joseph Paris fix-xhieda tieghu tal-25 ta' Frar 2009 sostna illi n-*Negotiating Team* kien ingust, l-attur Bezzina nhar il-11 ta' Novembru 2010 stqarr illi l-atturi m'humiex jallegaw illi n-*Negotiating Team* ma trattax lill-konsorzja ugwalment jew li ma kienx trasparenti bizzejjed f'xoghlu. Fil-fatt Bezzina xehed illi huwa ma kienx jaqbel biss mad-decizjoni finali illi ttiehdet - punt illi effettivament dina l-Onorabbli Qorti hija prekluza milli tikkonsidra skond il-principji tal-Ligi Amministrattiva u l-iskorta ta' gurisprudenza illi tikkonferma dawn il-principji. L-istess attur Bezzina kkonferma wkoll illi l-proceduri kollha indikati fir-*Request for Proposals* gew fil-fatt segwiti.

Il-Qorti tinstab konfortata illi mill-istharrig illi sar mill-Kummissjoni Ewropea proprju dwar dan il-kaz, l-istess Kummissjoni ma ssuktatx bl-investigazzjoni ulterjuri tal-kaz. Fil-fatt il-konvenuti pproducew lil Lucienne Meilak, Direttur responsabbli mill-Affarijiet ta' l-Unjoni Ewropea fi hdan il-Ministeru ta' l-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, illi xehdet dwar l-ilment imressaq mill-atturi kontra l-Awtorita` Marittima ta' Malta lill-Kummissjoni

Ewropea, t-twegiebet tal-Istat Malti ghad-domandi illi kienu sarulha mill-Kummissjoni, u ikkonfermat li ma ttiehdu l-ebda passi ulterjuri. Meilak indikat illi ghalkemm qatt ma ntbaghtet ittra illi turi illi l-ilment gie formalment maghluq, din hija n-norma u meta jkun hemm ksur ta' xi regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea, il-Gvern jinghata zmien sabiex jirrettifika l-pozizzjoni tieghu jew inkella jinfethu *infringement procedures* investigattivi.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi illi fil-process ta' l-ghazla *per se* ma jidhirx illi kien hemm xi haga irregolari, ghalkemm wiehed jista', koncettwalment, ma jaqbilx mad-decizjoni tal-konsorzju maghzul jew mal-hafna segretezza illi nzammet meta l-atturi odjerni gew michuda kopja tal-kuntratt iffirmat, minkejja t-talba ripetuta taghhom. Certament illi l-konvenuti agixxew b'nuqqas ta' trasparenza illi ragonevolment seta' jwassal ghas-suspett illi kienet qieghda ssir ingustizzja ma' l-atturi odjerni. Dan ghaliex mhux biss l-atturi qatt ma nghataw kopja tal-kuntratt minkejja t-talbiet persistenti taghhom f'dan is-sens, izda lanqas biss ma nghataw imqar access ghal Dok. PG2 illi jikkonsisti fil-konsiderazzjonijiet mehuda u fl-analizi ta' l-offerti taz-zewg konsorzja minn fejn wiehed jista' jevalwa jekk l-agir tal-konvenuti kienx korrett u gustifikat jew le. Effettivament, din id-dokumentazzjoni giet esebita biss wara illi dina l-Qorti, permezz ta' Digriet datat 11 ta' Lulju 2007, ordnat illi d-dokumenti msemmija jigu esebiti.

Il-Qorti issostni illi, hija awtorizzata mil-Ligi Amministrattiva illi tezamina biss jekk il-procedura illi mxiet biha l-Awtorita` biex hadet id-decizjoni taghha kienitx valida. L-istess Qorti hija prekluza milli tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' l-Awtorita` amministrattiva bid-decizjoni taghha. Minn dan isegwi li l-Qorti hija prekluza milli tanalizza id-Dok. PG2 sabiex jigi stabbilit jekk l-Awtorita` konvenuta ghazlitx l-aqwa konsorzju jew le.

Ghalhekk, jirrizulta illi l-Awtorita` konvenuta ma mxietx bi trasparenza totali ma' l-atturi meta rrifjutat illi taghti kopja tal-kuntratt *de quo* u kwindi effettivament naqset milli taghti spjegazzjoni sufficjenti lill-atturi ghall-ghazla taghha. Mill-banda l-ohra, ghall-iskop ta' din l-eccezzjoni, il-Qorti tqis illi fir-rigward tal-process ta' l-evalwazzjoni, ma jirrizulta xejn illi

jirrendi l-istess process irregolari, illegali jew ingust b'mod illi tkun tista' tigi milqugha t-talba attrici f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant, l-Qorti hija tal-fehma illi dina l-ahhar (is-sitt) eccezzjoni ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi, tiddikjara li l-ewwel talba kif ukoll l-ewwel eccezzjoni gew decizi minn din il-Qorti kif diversament preseduta fil-mori tal-kawza, u ghaldaqstant tastieni li tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom; tichad it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames eccezzjoni ssollevati mill-Awtorita` Marittima, tilqa' s-sitt eccezzjoni ssollevata mill-istess Awtorita` kif ukoll l-eccezzjoni ssollevata mid-Direttur Generali fil-Ministeru ghall-Kompetittivita` u l-Komunikazzjoni u tqis illi skond il-Ligi Amministrattiva, il-Qorti hija prekluza milli tiddikjara jekk hija taqbilx jew le mad-decizjoni finali illi ttiehdet mill-konvenuti in sustanza, jew b'xi mod tissostitwiha, kif jippretendu l-atturi, u il-Qorti tista' biss tanalizza jekk l-agir amministrattiv kienx b'xi mod irregolari, illegali jew ingust, u f'dan ir-rigward tiddikjara illi effettivament ma jirrizulta xejn irregolari, illegali jew ingust fil-mod kif tmexxa l-process ta' l-ghazla tal-konsorzju in kwistjoni, u ghaldaqstant tichad it-tieni talba attrici.

Il-Qorti tagharaf pero illi jkun ghaqli u gust li fil-kaz in ezami l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------